**– KAWZA GHALL-HLAS GHAL SERVIZZI MARBUTA MA’ BEJGH –**
**– RESISTENZA B’ECCEZZJONIJIET BISS JEW RESISTENZA ANKE B’KONTRO-TALBA –**
**– TPACIJA *EX LEGE* JEW KOMPENSAZZJONI GUDIZZJALI –**
**– KARATTERSTIKA TA’ L-INVERTIBILITÀ FIT-TPACIJA –**
**– *IUS RETENTIONIS* –**
**– PRINCIPJI DWAR IL-PROVI U L-IMPORTANZA LI JKUNU ORGANIZZATI U TAJBIN –**
**– PRESUPPOSTI PROCESSWALI U KUNDIZZJONIJIET TA’ L-AZZJONI –**
**– KAPACITÀ PROCESSWALI –**
**– LEGITTIMITÀ ATTIVA U INTERESS GURIDIKU –**
**– INAMMISSIBILITÀ TA’ L-AZZJONI –**

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta’ nhar il-Hamis, 14 ta’ Lulju, 2022**

Avviz tat-Talba numru: **436/2017**

**GREEN SKIP SERVICES LIMITED**
[REG. NRU. C-13893]

***VERSUS***

**NOEL CEFAI**
[K.I. NRU. 027174M]

B’Avviz tat-Talba mressaq fl-14 ta’ Settembru, 2017, l-attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta’ hamest’elef ewro (€5,000.00c), rapprezentanti bejgh ta’ oggetti lill-konvenut u servizzi ohra prestati mill-attrici lill-istess konvenut fuq inkarigu tieghu. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-prezenti procedure u dawk marbuta ma’ l-ittra ufficjali numru 2146/2015 u kif ukoll talbet l-imghaxxijiet dekorribbli mill-imsemmija ittra ufficjali sal-hlas effettiv u finali.

Il-konvenut gie notifikat bl-Avviz tat-Talba fit-28 ta’ Settembru, 2017 (ara *a tergo* ta’ *fol*. 6) u ressaq Risposta fis-17 ta’ Ottubru, 2017 (ara *a fol*. 7) fejn eccepixxa illi mill-ammont pretiz, l-ammont ta’ elf, tlett mija u hamsin ewro (€1,350.00c) biss huwa dovut, peress li l-kumplament m’huwiex dovut hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

Fil-mori tal-proceduri, senjatament fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2018 (*a fol*. 22), il-konvenut, in vista ta' l-eccezzjoni tieghu, hallas l-ammont ta' elf, tlett mija u hamsin ewro (€1,350.00c) u l-istess pagament gie ricevut mill-parti attrici "*bla ebda pregudizzju ghat-talba attrici f'dawn il-proceduri*." Fl-istess udjenza l-ammont ta' sorte domandat, in vista ta' tali pagament, tressqet nota ta' riduzzjoni *seduta stante* (*a fol*. 25) "*biex b'hekk is-sorte ta' dan il-procediment minn issa 'l quddiem hu ta' EUR3,650.*"

Il-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a fol*. 114) u t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali intieri u kif ukoll tas-sottomissjonijiet bl-iskritt tal-kontendenti (*a foll*. 118–122) u fl-istess udjenza l-procediment thalla ghad-decizjoni, illi qed tigi moghtija llum (hekk kif ser jinghad aktar 'l isfel).

It-Tribunal, wara li kkunsidra l-provi dokumentarji mressqa mill-kontendenti u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha processwali, jikkunsidra kif gej;

Il-fatti ta' dan il-kaz jistghu jigu deskritti hekk: il-kumpannija attrici bieghet u kkonsenjat lill-konvenut numru ta' oggetti (*plastic*) u thalla bilanc ta' hamest'elef ewro (€5,000.00c) favur taghha u tallega li tali ammont ghandu jigi mhallas mill-konvenut. Il-konvenut jikkontendi li minn tali ammont solament elf, tlett mija u hamsin ewro (€1,350.00c) huwa minnu dovut u fil-fatt fil-mori tal-proceduri hallas l-imsemmi cifra, izda baqa' jikkontesta l-ammont bilancjali ta' tlett elef, sitt mija u hamsin ewro (€3,650.00c). Fil-fehma tal-konvenut din l-ahhar cifra mhux dovuta peress li garrab hsarat minhabba konsenja difettuza (i.e., ghax allegatament kontaminata) ad opra tat-traskuragni ta' l-attrici.

Ghalhekk, fis-semplicità taghha, il-kwistjoni tipprezenta dawn iz-zewg estremi: fuq naha, il-parti attrici tezigi li tithallas ghas-servizz (ossia bejgh) minnha moghti lill-konvenut u tali servizz, fil-prezenti, jammonta ghal tlett elef, sitt mija u hamsin ewro (€3,650.00c) peress li gie ridott, wara pagament, fil-kors tal-procediment. Min-naha l-ohra, il-parti konvenuta toggezzjona li ghandha thallas l-istess tlett elef, sitt mija u hamsin ewro (€3,650.00c) u dan sabiex taghmel tajjeb ghal xi danni li tallega li sofriet vis-â-vis klijenti terzi (gewwa Hong Kong) minhabba bejgh ta' oggetti inidoneji, difettuzi u/jew kontaminati, da parti ta' l-attrici.

Fid-dawl ta' tali estremi fil-prezenti litigju (fejn entrambi l-patijiet qed jezigu xi haga mill-enti gudikanti), it-Tribunal jehtieg jippuntwalizza certu normi u principji bazici bil-ghan li t-terren tal-prezenti kontestazzjoni jigi ben pjazzat, assestat sew u sistemat kif jixraq, in partikolari di fronti ghal dak li donnu qed jippretendi l-konvenut.

Il-konvenut jikkontendi li garrab jew li ssubixxa pregudizzju ekonomiku u li l-ammontar ta' l-istess ghandu jmur biex jikkompensah bi tpacija di fronti ghall-pretiza attrici kif ridotta. Infatti, il-konvenut jghid illi l-ammont ta' €3,650.00c li ddecieda jzomm ghalih "*huma damages ... ta' dan ix-xoghol li kollu spicca imxerred gol-containers tort ta' xkejjer haziena li tatni* [is-socjetà attrici]." (*a fol*. 59)[1] u li hu wasal ghal tali imsemmi ammont minn "*email min-naha tal-klijent tieghi*" (*a tergo* ta' *fol*. 59).[2] Jghid inoltre li, "*meta wasalna ghal pagament imbaghad harget il-claim minghand il-klijent* [barrani] *li ghadni kemm prezentajt. Il-klijent tieghi minn l-Amerika Unique Overseas baghtitli l-claim u jien ovvjament mort biex inhallas il-hmistax-il elf li kelli ntiha* [lill-attrici]. *Minn dawn il-hmistax-il elf jiena ghedtilha li ser naqta' dawn il-hamest elef, li minnhom ghandi ntik elf u tliet mija meta nikkofermaw il-pizijiet.*" (*ibid*.)

B'hekk jirrizulta ghat-Tribunal li l-konvenut donnu qed jezercita forma ta' *ius retentionis* manifestat fiz-zamma ta' flejjes destinati lill-kreditur tieghu u anke li tramite l-prezenti proceduri gudizzjarji qed jittenta jikkumpensa u jpaci l-ammont (kif ridott) pretiz mill-attrici b'ammont ugwali ghalih billi jikkwalifikah bhala danni minnu subiti di fronti ghal terzi (i.e., il-klijenti fl-esteru). Tant dan huwa hekk illi fil-fehma tal-istess konvenut, ma kienx necessarju ghalih li jiehu xi passi legali (*a tergo* ta' *fol*. 64[3]).

Il-konvenut m'ghandux ragun f'dawn l-assunti u jigi mistqarr mill-ewwel illi dawn huma materji li jmorru oltre l-kwistjoni *de quo agitur*.

Fil-kaz tal-lum, it-Tribunal ghandu quddiemu t-talba attrici u c-cahda taghha da parti tal-konvenut bla ebda elaborazzjoni ulterjuri. Il-konvenut illimita ruhu li jikkontesta l-azzjoni attrici bla ma jintroduci kontro-talba.[4] Ghalhekk, lil hinn milli

---

[1] Ara wkoll *a tergo* ta' *fol*. 61 fejn il-konvenut jistqarr, anke meta domandat mit-Tribunal, illi hu qed izomm l-ammont ta' €3,650.00c ghax hu jippretendi li dawk huwa ammont ta' hsarat minnu sofferti.

[2] Tali email, datata 19 ta' Dicembru, 2012, hi ezibita *a fol*. 87 bhala "Dok: NC.21". Fil-kontro-ezami tieghu (*vide* udjenza tal-20 ta' Frar, 2019, senjatament *a tergo* ta' *fol*. 62 u *a fol*. 63) il-konvenut jistqarr li ma kien wettaq l-ebda *survey* (jew dokument iehor ekwivalenti li jezamina u jidentifika l-materja dannuza) destinat li jikkwantifika oggettivament id-dannu allegatament subit.

[3] Ara wkoll il-kontro-ezami tal-konvenut fl-udjenza tas-27 ta' Gunju, 2019 (*a foll*. 115–116).

[4] Konvenut f'gudizzju jista' jillimita ruhu li jinterponi deduzzjonijiet, maghrufa bhala eccezzjonijiet, relattivi ghall-fatti guridici pretizi mill-attur avversarju, liema eccezzjonijiet – skond id-duttrina – jistghu jkunu negazzjonijiet assoluti (i.e., dawk li jtendu lejn l-inezistenza ta' xi fatt jew rekwizit kostitutiv ta' l-azzjoni) jew negazzjonijiet relattivi (i.e., dawk li jtendu li jistabbilixxu l-ezistenza ta' xi fatt li jimpedixxi jew jestingwi l-azzjoni). Bhala ezemplari, l-eccezzjoni tan-nullità jew dik tal-legittimità attiva jirrijentraw fl-ewwel kategorija (negazzjonijiet assoluti), mentri l-eccezzjoni ta' l-"usucapio", tal-preskrizzjoni estintiva, tal-perentorjetà/dekadenza jew dik tal-kompensazzjoni jikkazellaw ruhhom fit-tieni wahda (negazzjonijiet relattivi). F'tali sitwazzjonijiet, il-konvenut jillimita r-rikjesta tieghu solament ghac-cahda tad-domanda attrici, izda ma jalterax ir-rapport processwali, galadarba l-oggett tal-proceduriment jibqa' immutat u l-*petitum*

invarjat. Hawnhekk, min hu tenut jiggudika hu f'dover li jirrestringi l-indagni u d-decizjoni tieghu ghal kontroversja wahda u unika – dik proposta mill-attur. Addizzjonalment, anke jekk konvenut jintroduci fil-procediment xi kwestjonijiet godda, izda dejjem bil-fini li t-talba attrici tigi rigettata (bhal per ezempju, l-eccezzjoni ta' intempesitività jew dik tal-kontradittur legittimu), tali deduzzjonijiet/eccezzjonijiet jibqghu ristretti ghad-decizjoni tat-talba introdotta mill-parti attrici. Fi kliem iehor, ghalkemm ikun hemm trattazzjoni ta' tematici jew kwistjonijiet plurimi, il-kawza tibqa' wahda – dik inizjata mill-attur: "*l'eccezione in sè considerata, non può ampliare i termini della controversia; potrà aumentare le questioni sottoposte al giudizio del magistrato, ma sempre ai fini della decizione della domanda posta dall'attore. In fatti, se scopo del convenuto è quello di poter ottenere il rigetto della domanda dell'attore, pure, il* thema decidendum *o oggetto del giudizio è quello posto dall'attore … l'eccezione è un mezzo destinato a paralizzare l'azione dell'attore, portando all'accoglimento dell'inversa azione di accertamento negativo del convenuto, ed immettendo nel processo delle questioni nuove al solo fine della decisione della domanda posta dall'attore, ma senza ampliare il tema fissato dall'attore con l'atto introduttivo*" (*cfr.* **MARIO DINI**, "La Domanda Riconvenzionale", Giuffrè 1954; §24, pp.54–55). Imbaghad, hemm ic-cirkostanza fejn il-konvenut jipprevalixxi ruhu minn dak previst taht l-Art. 4(1)(iii) u l-Art. 5 tal-Ligi Sussidjarja 380.01 (jew taht l-Art. 396 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u jipproponi talba rikonvenzjonali. Bid-domanda rikonvenzjonali – li hi azzjoni awtonoma mqanqla mill-konvenut kontra l-attur fl-istess procediment gudizzjarju digà mibdi [talba rikonvenzjonali ghandha ssehh solament fil-konfront tal-parti attrici u mhux fil-konfront ta' xi parti ohra fil-kawza, bhal per ezempju, xi ko-konvenut. Dan hu rifless fid-decizjoni *in re* **Gasan Insurance Agency Ltd noe v. Simon Soler et** (Appell Inferjuri, 22 ta' Novembru, 2002)] – il-konvenut jittenta jissupera l-limiti tar-rikjesta tieghu ghar-rigett tad-domanda principali u jitlob lill-Qorti provvediment (decizjoni) *a se stante* u ulterjuri favur tieghu. Fi kliem divers, tirrikorri l-ipotezi tad-domanda rikonvenzjonali meta l-konvenut, li jiehu spunt u okkazzjoni mill-azzjoni proposta kontrih, jirrezisti u jopponi ghaliha b'kontro-domanda fejn jitlob gudizzju pozittiv ghalih u sfavorevoli ghall-parti attrici, gudizzju li jmur oltre s-semplici cahda tat-talba attrici (dik principali). Talba bhal dik ittendi li tisposta l-limiti tal-procediment mibdi mill-attur li jkunu ffissati bit-talba promotorja principali. Tali limiti jigu allargati in segwitu ghall-attività tal-konvenut kif appena mfisser, li jitlob lill-gudikant biex jiddeciedi talbiet godda, li ma kienux imressqa mill-attur fid-domanda originali: "*In altri termini, il giudice non dovrà limitarsi a decidere se l'attore o il convenuto abbiano ragione, in ordine a quell'attività determinata dalla domanda giudiziale, ma anche se l'attore o il convenuto abbia ragione in ordine ad altre attività, che sono diverse dalla prima*" (*ibid.*, p.55). Fid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol. XI–78** insibu asserit li, "*La riconvenzione dicesi eccezione non in senso stretto, ma in senso lato, inquantocchè il convenuto può opporre in giudizio all'azione contro lui proposta, non solo la eccezione, ma pure la riconvenzione; cioè domanda quell che gli si deve nello stesso tempo in cui si agisce contro di lui e nello stesso giudizio. Vi è riconvenzione, semprecchè per eccezione ad una domanda principale, si opponga un'altra domanda egualmente principale*." Generalment, id-domanda rikonvenzjonali hi deskritta bhala reazzjoni da parti ta' l-imharrek fil-gudizzju istitwit mill-attur, bhala talba gdida li titraduci ruhha f'azzjoni tal-konvenut kontra l-attur. Hawnhekk, wiehed jara li b'din ir-reazzjoni, il-konvenut jwessa' l-kontroversja u dan l'ghaliex jitlob l-applikazzjoni ta' volontà legislattiva favurih kontra l-attur avversarju fl-istess kawza inizjata minn dan ta' l-ahhar. Dan, konsegwentement, jaghmel l-attur originali bhala konvenut accidentali u lill-konvenut bhala attur: "*la riconvenzione è quell'istituto processuale in forza del quale il convenuto, traendo occasione dalla domanda attrice contro di lui avvanzata, chiede nella stessa lite, alla quale è collegata sostanzialmente, l'attuazione di una volontà legislativa a suo favore, indipendentemente dalla richiesta di rigetto della domanda*" (*ibid.*, pp.56–57). Il-kawza rikonvenzjonali, kif tradizzjonalment percepit, tizvolgi bejn l-istess partijiet fil-kawza, izda f'posizzjoni processwali invertita, fejn il-konvenut jilbes il-libsa ta' attur u l-attur jilbes dik ta' konvenut. Importanti wkoll li f'dan il-jedd difensjonali, jrid jirrizulta li jista' jaghmel uzu minnu solament il-konvenut fil-kwalità li huwa jkun tharrek fiha fl-azzjoni originali hekk kif ukoll statwit fl-Art. 400 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din id-disposizzjoni tghid hekk: "*Il-konvenut ma jistax jipproponi l-kontro-talba fi kwalità oħra minn dik li fiha jkun imħarrek, lanqas ma jista' jipproponi l-kontro-talba kontra l-attur fi kwalità oħra minn dik li fiha dan ikun deher fit-talba tiegħu.*" Ghal dak li jirrigwarda gurisprudenza dwar dan l-aspett, wiehed hu mistieden jara, fost ohrajn, id-decizjonijiet *in re* **Karl Bonello noe v. Emanuel Baldacchino et** (Prim'Awla, 26 ta' Mejju, 1997); *in re* **Alexis Vella et noe v. David Jones et noe** (Prim'Awla, 31 ta' Jannar, 2003 – konfermata fl-appell fis-27 ta' Jannar, 2006); u *in re* **Air Malta p.l.c. v. Lawrence Borg** (Prim'Awla, 30 ta' Gunju, 2004).

jqis id-domanda attrici, it-Tribunal huwa solament fakoltizzat li merament iqis dawk l-aspetti accessorji (ossia ancillari jew periferali) li jafu johorgu mil-linja difensjonali generali tal-konvenut izda jinsab prekluz li jakkordalu xi haga, specifikatament ghax mhux ritwalment jew formalment domandat. Jekk il-konvenut kien qed jitlob rifuzjoni ta' l-ammonti allegatament minnu mahruga in linea ta' danni, l-istess kellu jressaq talba *ad hoc* jew inkella jressaq kontro-talba f'dan il-prodediment. Fin-nuqqas, il-konvenut ma jistax jippretendi li t-Tribunal jakkordalu xi haga meta qatt ma intalbet b'mod formali u ritwali.[5] Kif imfisser *in re* **Il-Pulizija v. Carmelo *sive* Charles Dingli** (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2007), "*hu assjomatiku li biex taqla' xi haga mill-Qorti l-ewwel trid titlobha. Ebda Qorti ma takkorda xejn jekk ma tigix mitluba biex taghmel dan.*" Ghalkemm il-bran huwa derivat mill-kamp kriminali, l-istess taghlim ghandu japplika b'egwa forza ghal qasam tal-procedimenti civili.

F'dan ir-rigward hu principju rikonoxxut u assodat li min jallega jrid jipprova l-allegazzjoni/jiet tieghu a bazi tal-massima *iuxta allegata et probata* kif ankè rikonoxxut fl-Art. 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan indistintament jekk ikunx attur jew konvenut f'kawza. Fil-vertenza odjerna l-konvenut jippretendi li garrab danni izda – apparti li ma ddefiniex b'mod idoneju l-ammont minnu reklamat – ma fformalizzax il-pretensjoni tieghu. Li ghamel kien biss li forna l-verzjoni tieghu bil-ghan li jittenta jinnewtralizza l-istanza attrici fejn allega li kienet il-parti attrici li kellha tindennizzah u mhux *vice-versa* li hu jhallas lilha. Madanakollu, kif diga' rimarkat, il-kawza odjerna tikkoncerna solament talba da parti tas-socjetà attrici. Ma hemm l-ebda talba rikonvenzjonali min-naha tal-konvenut fejn talab dikjarazzjoni li s-socjetà attrici kienet debitrici tieghu u l-eventwali kundanna ta' hlas ta' dak l-ammont pretiz li jigi likwidat a favur tieghu. Il-konvenut illimita ruhu li jallega fl-unika eccezzjoni tieghu li ma kellux ihallas izda proceduralment ma marx oltre. Hu ma elaborax eccezzjonijiet specifici f'dan is-sens.

Fil-kawza *in re* **Stefan Zrinzo Azzopardi noe v. Michael Vella noe** (Qorti tal-Kummerc, 24 ta' Frar, 1995) intqal illi mid-disposizzjonijiet tal-ligi johrog car li l-kontro-talba tista' ssir mhux biss meta tkun konnessa mat-talba ta' l-attur izda tista' ssir ukoll bi skop ta' kompensazzjoni jew bl-iskop biex b'kull mod iehor iggib fix-xejn l-azzjoni ta' l-attur jew timpedxxi l-effetti ta' l-azzjoni attrici. Wiehed hu

---

[5] Appropozitu ta' l-ambitu ta' eccezzjonijiet, hija gurisprudenza kostanti tal-qrati taghna li tissottolineja li eccezzjoni trid tigi sollevata da parti tal-konvenut u jekk ikun hemm dan in-nuqqas, l-enti gudizzjarja ma tistax tikkolma tali ommissjoni stante li din, min-naha taghha, trid toqod fil-limiti tat-talba lilha maghmula u entro d-difizi espressament sollevati mill-parti konvenuta, xejn oltre u inqas minn dan (dejjem salv jekk ma jkunx hemm id-dritt sancit mill-ligi li xi difiza ghandha titqajjem *ex officio* u *marte proprio* bhall-eccezzjoni ta' inkompetenza jew tal-karenza ta' interess guridiku). F'dan is-sens wiehed jigi riferut ghad-decizjoni, fost ohrajn, *in re* **Mekanika Limited vs. Masco Security Services Limited** (Appell Inferjuri, 23 ta' Mejju, 2007).

mistieden jara wkoll is-sentenza *in re* **Av. Dr. Kevin F. Dingli et noe v. SURGIQUIP Limited** (Appell Superjuri, 16 ta' Dicembru, 2003) li trattat il-materja tal-kontro-talba abbinata mal-kwistjoni tat-tpacija. Ghalhekk il-kontro-talba tista' ssir bl-iskop ta' tpacija. Fil-kaz odjern, jigi ribadit, ma saret l-ebda talba rikonvenzjonali, u *ergo* l-ebda talba formali sabiex tigi reza fix-xejn l-azzjoni attrici jew timpedxxi l-effetti ta' l-azzjoni attrici.

Izda hekk kif johrog mill-gurisprudenza, it-tapcija tista' tkun eccezzjoni *ad hoc* u *a se stante* u mhux ta' bilfors kollegata ma' talba rikonvenjnali. Infatti, fid-decizjoni *in re* **Penza Tarmac Limited v. Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited et** (Prim'Awla, 28 ta' April, 2016) inghad li t-tpacija tista' temana mill-eccezzjonijiet tal-konvenut, basta tkun espressa.[6]

Issa, fil-kaz tal-lum m'hemm l-ebda eccezzjoni esplicita f'dan is-sens li tidentifika kjarament u espressament li l-konvenut qed iqanqal l-istitut tat-tpacija bil-mira li tali linja difensjonali tinnewtralizza l-istanza attrici ghal kollox jew inkella sabiex id-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. Anzi, donnu l-konvenut qed jistenna li, b'mod sussidjarju, dan it-Tribunal ihaddan u jhaddem mekkanizmu ta' kompensazzjoni gudizzjali[7] jew ta' tpacija legali.[8] Izda l-konvenut huwa errat jekk jahseb hekk u l-motivi ser jigu moghtija *infra*:

**(i)** Skond l-Art. 1196 tal-Kodici Civili, meta tnejn huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom it-tpacija *ipso iure*. Din it-tpacija ssir anke minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewg idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs. L-Art. 1197 ta' l-istess Kodici jistabilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewg idjun li jkolhom it-tnejn bhala oggett somma ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu;[9]

**(ii)** Dan kollu ma jissufragax il-posizzjoni tal-konvenut. Dan l'ghaliex irid ikun hemm zewg t'idjun, b'zewg kredituri u b'zewg debituri reciproci fl-istess

---

[6] Tali asserzjoni sehhet abbazi tas-sentenza in re **Marianna Spiteri et v. Joseph Vella** (Prim'Awla, 3 ta' Mejju, 1993 riportata f'*Kollez*. Vol. LXXVII-III-128). Madanakollu, minn qari ta' din is-sentenza ma jirrizulta minn imkien fiha li hemm affermat illi tali eccezzjoni tista' tohrog mill-eccezzjonijiet, basta tkun espressa. Anzi mill-istess sentenza jirrizulta car illi kienet inghatat eccezzjoni skond l-Art. 1196 – 1197 tal-Kodici Civili (*vide* t-tielet pagna tas-sentenza).

[7] Dwar kompensazzjoni gudizzjali ara *in re* **C. Fino & Sons Limited v. Polidano Brothers Limited** (Appell Superjuri, 28 ta' Settembru, 2007) li spjegat, "*li gudikant jirrikorri ghaliha meta l-kreditu oppost mill-konvenut ikun wiehed li jkun jista' facilment jigi likwidat*."

[8] Dik li tapplika in forza tal-Ligi *ex* Art. 1196 u 1197.

[9] Minn dan isegwi li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nfisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacjut ma' ammont iehor dovut mill-kreditur. F'dan is-sens, fost ohrajn, ara *in re* **Perit Vincent Cassar noe v. Nicholas sive Lino Debono et** (Prim'Awla, 22 ta' Marzu, 2005) u *in re* **Maureen Scicluna v. Dr Anthony P. Farrugia** (Appell Inferjuri, 6 ta' April, 2005).

waqt, ossia l-parti attrici trid tkun kreditrici ta' dik konvenuta ghal dejn specifiku u simultanjament il-parti konvenuta trid tkun hi wkoll kreditrici ta' dik attrici ghal dejn iehor specifiku. Fil-kaz taghna, il-posizzjoni tal-konvenut hi ta' semplici debitur di fronti ghall-pretiza attrici. Kwalsiasi ammont minnu allegatament soffert bhala hsara ma jaghtihx awtomatikament il-libsa ta' kreditur fil-konfront ta' l-attrici, izda *se mai*, l-istess konvenut jehtieg jiehu passi appoziti biex ikun jista' jigi klassifikat jew meqjus bhala tali. Mankanti tali posizzjoni u fatturi, kwlasiasi allegata tpacija fil-prezenti kaz ma tista' qatt issehh *ex lege*. Ghal dak li jirrigwarda l-kompensazzjoni gudizzjali, kien ikun mod iehor li kieku l-konvenut ressaq talba rikonvenzjonali izda dan, kif diga' rilevat *supra*, m'ghamlux;

**(iii)** Inoltre, ingredjent necessarju ta' l-istitut tal-kompensazzjoni huwa li t-tpacija, f'sens guridiku, tippostula l-awtonomija tar-rapporti ghal liema jirreferu l-krediti li jkunu qed jigu kontra-opposti ghal xulxin mill-partijiet u cioè li l-partijiet jehtiegu jirraprezentaw zewg centri ta' interess ekonomici separati u distakkati minn xulxin, fejn l-invertibilità hija karatteristika implicita. L-imsemmija invertibilità tiprospetta li skond l-angolu ta' perspettiva, wiehed mill-partijiet jista' jigi definit kreditur u debitur u, fl-istess waqt, viceversa ghall-parti l-ohra. Ghalhekk, il-kompensazzjoni m'hijiex applikabbli meta il-krediti u d-debiti rispettivi tal-partijiet ghandhom origini minn rapport uniku singolari interkors bejn l-istess partijiet (bhal per ezempju r-reciproci krediti ghar-rizarciment ta' hsarat derivanti minn event sinistru uniku prodott minn ghemejjel/azzjonijiet kolpuzi komkomitanti). Fuq dan l-aspett, insibu ritenut mill-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana [*cass. civ*. nru. 5349/2005] illi huwa "*necessario che le suddette obbligazioni, quale che sia il rapporto (o i rapporti) da cui esse prendono origine, siano autonome, ovvero non legate da nesso di sinallagmaticità*." (*cfr*. "Commentario Breve al Codice Civile" ta' **Giorgio Cian** u **Alberto Trabucchi**, CEDAM 8ª ed., 2007; p.1370). L-istess Qorti estera [*cass. civ*. nru. 1784/1993] sostniet ukoll illi, "*la disciplina della compensazione non è applicabile nelle controversie in cui le parti facciano valere contrapposti crediti derivanti dal medesimo rapporto, anche se uno di essi trovi titolo nella legge e l'altro nel contratto*." (*ibidem*). Skond l-awtur **Francesco Galgano** ("Trattato di Diritto Civile", CEDAM 2009; Vol.II, §20, p.104), "*La compensazione presuppone … che i debiti e crediti reciproci ineriscano a rapport giuridici diversi, intercorrenti fra le medesime parti in forza di autonome fonti di obbligazione. Così il credito per il pagamento del prezzo di una vendita si compensa con il credito di restituzione di una somma che il venditore abba dato in mutuo al compratore. Così, se fra una banca e un medesimo cliente esistano separate contratti, i saldi attivi e passivi si compensano. Diverso è il caso in cui pretese attive e passive reciproche si fronteggiano fra le parti di un medesimo contratto, come nel caso in cui al venditore che pretenda il prezzo della cosa venduta il compratore opponga una pretesa di danni basata sui vizi della cosa stessa; o come fra banca e cliente nell'ambito di*

*un medesimo contratto di apertura di credito in conto corrente: qui non c'è compensazione in senso tecnico, ma solo una variazione quantitativa del credito di una parte nei confronti dell'altra*.";

**(iv)** Dan hu rikonoxxut mill-Qrati taghna. Infatti, fid-decizjoni *in re* **Howard Whitton et v. June Laferla** (Prim'Awla, 7 ta' Lulju, 2017) insibu ribadit, b'referenza ghal gurisprudenza ulterjuri, li, "*il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet*" u "*Ghall-fini ta' tpacija huwa essenzjali li dawn iz-zewg debiti jkunu awtonomi u distinti minn xulxin*." Ir-raguni ghal dan insibuha mfissra, fost sentenzi ohra, fid-decizjoni *in re* **Kummissarju tat-Taxxi Interni v. Emidio Azzopardi pro et noe** (Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2005) fejn inghad, *inter alia*, hekk: "*hu postulat li l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti distinti, u mhux minn rapport uniku. Dan huwa bil-wisq logiku in kwantu jekk jemergu mill-istess rapport si tratta ta' semplici kontabilità fejn min hu msejjah biex jarbitra jew jiggudika jista' jipprocedi anke minghajr l-eccezzjoni specifika tat-tpacija mill-parti jew tal-proposizzjoni ta' talba rikonvenzjonali*." Inoltre, fil-kawza *in re* **Perit Vincent Cassar noe v. Nicholas Sive Lino Debono et** (Prim'Awla, 22 ta' Marzu, 2005), fuq l-iskorta tad-duttrina, il-Qorti affermat hekk: «*Illi fir-rigward tad-djun li joqtlu 'l xulxin, id-duttrina tishaq li biex issehh it-tpacija jehtieg li tintwera "l'autonomia dei contrapposti rapporti di credito". Ghalhekk il-ligi trid li jkun hemm zewgt idjun separati, u mhux rapport wiehed li minnu jitnisslu pretensjonijiet reciproci tal-partijiet. Kemm hu hekk, inghad b'awtorità interpretativa li "La compensazione suppone l'autonomia dei rapporti ai quali i debiti delle parti si riferiscono, con la conseguenza che, quando si tratti invece di un unico rapporto, o di rapporti accessori, la controversia si traduce in un accertamento di dare e avere, e cioe' in una sorta di complesso conteggio, a proposito del quale non puo' parlarsi di compensazione in senso tecnico"*»

Kif rajna, il-konvenut donnu jippretendi li l-ammont mitlub mill-attrici jigi totalment ikkumpensat ma' iehor li allegatament hu gie kostrett igarrab versu terzi. Madanakollu tali pretiza tal-konvenut torigina mill-istess rabta interkorrenti bejn il-partijiet u ssib is-sors taghha fl-istess qaghda antecedenti fattwali, purké konsegwenzjali. Hu presuppost necessarju, kif intwera *supra*, illi l-krediti kontrapposti jidderivaw minn rapporti differenti u distinti, u mhux mill-identiku rapport uniku jew b'korollarju ta' l-istess.

Agguntivament, ikollu jigi mistqarr li l-provi mressqa mill-konvenut f'din il-kawza ma jilhqux il-grad rikjest mil-ligi sabiex it-Tribunal jwettaq ezercizzju ta' accertament kontabili u dan peress li min-natura taghhom tali provi huma skarni

minn korroborazzjoni sobrija[10] u bazati solament fuq dak allegat mill-konvenut bla ebda fattur oggettiv.[11]

Dwar l-apparenti ezercizzju ta' *ius retentionis* ezercitat mill-konvenut, it-Tribunal jiccensura tali ghemil. Tali censura qed issehh in vista tal-fatt illi dwar il-jedd ta' potenzjali kreditur li jzomm il-haga ta' potenzjali debitur tieghu fil-pussess proprju, il-ligi taghna taghti rikonoxximent ristrett f'dan ir-rigward[12] u torbot il-jedd taz-zamma tal-haga ma' l-ezistenza ta' jedd sancit mil-ligi.

Fi kliem iehor, mhux kull min jemmen li ghandu jedd jitnissel favurih il-*ius retentionis* peress illi tali jedd irid ikun moghti lilu espressament mil-ligi. Kif insibu ritenut, "*l-jus retentionis m'ghandux jigi estiz oltre l-kazi kontemplati 'expressis verbis' mill-ligi.*" (*vide* **Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Ingenerija v. Emmanuel Zarb pro et noe**, 30 ta' Jannar, 2006). Dan ghaliex id-dritt taz-zamma huwa meqjus bhala "*una forma di autotutela e di legittima difesa ... consentito soltanto nei casi espressamente previsti, in cui il legislatore ha ritenuto, perchè*

---

[10] Fosthom hemm il-fotografiji *a foll.* 71–86 u *a foll.* 90–96, ezibiti mill-konvenut, illi wehidhom ma jidghu xejn. L-istess japplika ghall-email *a fol.* 87–89, ghall-email *a fol.* 108, ohra *a fol.* 110 u d-dokumenti l-ohra *a foll.* 100–104. Il-fatt li l-konvenut bghat ritratti lill-attrici biex juri xi hsarat fil-merkanzija ma jissarrafx awtomatikament li tali hsara sehhet minhabba xi ghemil ta' l-attrici peress li hemm mekkanizmi procedurali u diversi rekwiziti legali biex tigi misjuba u dikjarata l-htija f'xi hadd. Dwar dan ara d-decizjonijiet ta' dan it-Tribunal *in re* **John Busuttil v. Socjeta Muzikali Santa Marija Qrendi** tal-31 ta' Ottubru, 2019 u *in re* **Piero Di Bartolo v. Diane Vassallo** tal-24 ta' Frar, 2020. Inoltre, anke jekk ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja ta' htija ghad-danni, dan ma jfissirx necessarjament li d-danni tassew jezistu u jekk dawn jezistu, huma fil-*quantum* pretiz mill-parti danneggjata. Dan l'ghaliex jaggrava dejjem fuq il-kreditur ta' l-obbligazzjoni li jipprova l-ezistenza u l-entità tad-danni li hu jallega li sofra. F'dan is-sens ara *in re* **Mckay v. Borg** (Appell Civili, 28 ta' Jannar, 1966), *in re* **Carmelo Bugeja v. Lorenzo Cassar** (Appell Civili, 1 ta' April, 1966), *in re* **Joe Xuereb Holding Co. Ltd v. Marlene mart Francis Xuereb et** (Appell Superjuri, 30 ta' Gunju, 2005), *in re* **Louis Sammut et v. Carmelo sive Charles Zammit** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005), *in re* **Francis Ciantar pro et noe v. Norman Clews et** (Prim'Awla, 12 ta' Ottubru, 2005) u *in re* **Claire Camilleri v. Paul Gauci et** (Prim'Awla, 30 ta' Jannar, 2008).

[11] Kif jikteb l-awtur Franciz **AUGUSTE SOURDAT** ("Trattato Generale della Risponsabilità", Napoli, 1853; Vol.I; §333, p. 417), "*Colui che domanda il risarcimento di un danno è dunque obbligato di provare la colpa che dà origine all'obbligazione. Ciò deve applicarsi, tanto più rigorosamente, in quanto la presunzione non è in favore de' delitti e della imputabilità dell'uomo*." Dan l-imsemmi awtur, wara li jaghmel diversi osservazzjonijiet dwar kif jista' jigi ppruvat id-delitt, imbaghad jghaddi ghalbiex jitkellem fuq l-effett tal-prova fl-isfera civili. Hu jghid li, "*Non può aver luogo lo stesso avanti i tribunali civili. In fatti la parte lesa è attrice. Spetta a lei di provare. Essa articola i fatti, ma ciò non basta, e tutto ciò che essa allega come vero non costituisce che una pretensione interessata, non già una testimonianza. Le pruove debbono sempre essere prese al di fuori di tali allegazioni. In una parola, la qualità di testimonio e quella di parte non possono qui separarsi*." (*ibid.*, §347, p. 428). Ta' l-istess hsieb hu l-imsemmi awtur **GIORGIO BIANCHI** (*op. cit.*, p. 172) li jghid hekk: "*Le dichiarazioni* pro sé *hanno, per evidenti ragioni, efficacia probatoria minima, in considerazione della scarsa affidibilitá della affermazione di fatti a sé favorevoli e sfavorevoli alla controparte*." It-Tribunal ma jistax jipprezumi fatti li ma jsibux l-libsa tal-konkret fl-atti processwali u dan, kif saput, ghaliex, "*kif pacifikament maghruf, tribunal b'funzjonijiet gudizzjarji ma jistax, b'ebda logika u sens ta' gustizzja, jikkampa l-gudizzju tieghu fuq asserzjonijiet gratuwiti, kongetturi bla bazi, jew semplici fehmiet meta dawn ma jsibu l-ebda riskontru fil-konkret tal-provi*." (*vide* **Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation,** Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar, 2005).

[12] Ara Art. 1997(1) tal-Kodici Civili bhala ezempju.

*ragioni speciali giustificavano la tutela del creditore, di derogare al principio che l'ordinamento giuridico non permette ai singoli di farsi giustizia da sé*." (*cfr*. **ANDREA TORRENTE**, "Manuale di Diritto Privato", 9ª edizione; §284, p. 460).[13]

Ghalkemm jezisti dibattitu fid-dottrina forensi jekk il-*ius retentionis* jinghatax biss fil-kazijiet espressament imsemmija fil-ligi jew jinghatax ukoll f'kazijiet ohra b'analogija, is-sentenzi huma konkordi f'dik l-interpretazzjoni li tghid illi hemm dak il-jedd kull meta min ghandu f'idejh hwejjeg haddiehor "*abbia fatto per la cosa posseduta una spesa, della quale ha il diritto di reclamare il pagamento dal propretario*" (*cfr*. **ZACHARIAE**, Vol. II p. 59; ara wkoll *in re* **Saviour Attard v. Anthony Vella**, Prim'Awla, 20 ta' Ottubru 2005), basta hemm "debitum cum re iunctum" (cioè li d-dejn inholoq ghax saru spejjez fuq il-haga nfisha) u li d-dejn ghall-hlas tal-ispejjez u l-obbligu tar-radd tal-haga nholqu mill-istess fatt jew negozju.[14] Fil-kaz tal-lum ma jezistux dawn il-kondizzjonijiet, ossia m'hemm l-ebda dejn li hu "cum re iunctum" izda solament ir-retenzjoni ta' ammont fungibbli (u mhux oggett) li fuqu certament il-konvenut detentur ma wettaq l-ebda spiza.[15]

Ghalhekk, fic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz u fl-isfond ta' kif inhi arginata u msejjsa d-difiza mil-lat ritwali, mhux sufficjenti ghal dan it-Tribunal li jinoltra f'xi kompensazzjoni jew tpacija kif pretiz mill-konvenut jew li jikkondona xi forma ta' *ius retentionis*. Tali kweziti u materji – jekk hekk jghazel il-konvenut u jekk hekk jikkompetilu – ghandhom ikunu rimessi ghal proceduri appoziti.

Issa t-Tribunal idawwar l-attenzjoni tieghu ghall-mertu tal-vertenza.

F'dan l-istadju, tinfetah parentezi biex isehhu nurmu ta' osservazzjonijiet li japplikaw ghall-kaz odjern (u, b'mod generali, izda b'egwal forza, ghan-numru ta' procedimenti dinanzi ghat-Tribunal).

Huwa vera li t-Tribunal, bhal kull enti gudikanti ohra, ghandu jezamina l-provi mressqa sabiex, fuq il-preponderanza ta' l-istess, jasal ghal decizjoni. Madanakollu, ghandu jkun ukoll fatt inkotestat u cert li l-istess Tribunal m'ghandu l-ebda dover jew dmir li jwettaq xoghol il-kontendenti fil-procediment. Huwa wisq konvenjenti, facli u semplici li parti, attrici jew konvenuta, tghid taghha, tressaq, *inter alia*, matassa ta' dokumenti li fil-fehma taghha jissorregu t-tezi individwali

---

[13] Ara decizjoni *in re* **DBC Limited gja' D. Burke Company Limited v. John Attard** (Prim'Awla, 9 ta' Ottubru, 2003).

[14] Bhala ezempju, id-depozitarju ghandu dritt tar-ritenzjoni ghax l-Art. 1919 tal-Kodici Civili jaghtih dak il-jedd. Tali disposizzjoni tipprovvdi li d-depozitarju jista' jzomm f'idejh il-haga depozitata sakemm jithallas ghal kollox ta' dak kollu li jkollu jiehu minhabba dak id-depozitu. Fost diversi (u apparti dawk citati *supra* f'din is-sentenza), *vide* d-decizjoni *in re* **G. Bonnici v. Rev C. Busutill**, Appell Civili, 3 ta' Dicembru, 1999).

[15] Ara decizjoni *in re* **Dominic Palmier v. Michael Falzon** (Prim'Awla, 13 ta' Marzu, 2009).

taghha u tieqaf hemm, bl-aspettattiva li t-Tribunal ser jixtarr kollox, jispigola fid-dettall id-dokumentazzjoni shiha hekk impoggija quddiemu u joqghod jahdem il-kontijiet biex eventwalment jasal ghal somma partikolari halli jemetti gustizzja sostantiva dwar il-kaz. Dak mhux l-irwol ta' enti gudikanti f'kawza u lanqas m'ghandu jkun l-ispirtu li janima parti, attrici jew konvenuta, dinanzi ghal-istess enti gudikanti. Huwa ghalhekk li l-ordinament guriku domestiku jhaddan normi bhala ma huma "*onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat*" u "*affirmanti incumbit probatio*" (rakkjuzi fl-Art. 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili) u li kawza tigi deciza "*secundum acta et probata non secundum privatam scientiam*". Dawn kollha implicitament jindikaw, u partikolarment jindividwaw, fuq min specifikatament jaqa', mhux biss l-oneru, izda d-dmir u d-dover li l-kaz jigi ben pruvat u fuq min jirrikadi l-obbligu li jitressqu provi tajbin u sufficjenti.[16] Rwol l-enti gudikanti hija li tindividwa n-norma gurika applikabbli ghall-fatti pruvati u dan in suffragju tal-massima "iura novit curia".[17]

Ghar-raggungiment tad-decizjoni, l-enti gukanti ghandha tkun idonejament gwidata u debitament mghejjuna mill-partijiet, l'ghaliex huma l-istess partijiet il-protagonisti ewlenin tal-vicenda processwali, filwaqt li l-gudikant fl-ahhar jarbitra abbazi tal-materjal lilu provdut.[18] Jekk tali materjal hu mressaq b'mod konfuz jew

[16] Kif kellu okkazzjoni jghid dan it-Tribunal *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Tribunal, 21 ta' Marzu, 2018), "*Maltese Law embraces a predominantly adversarial, rather than an inquisitorial, procedural system. This is a system where the parties advocate their own case, or positions, before an impartial and equidistant person (a judge, a magistrate, an adjudicator, an arbitrator, etc.), who attempts to determine the truth and pass judgment accordingly on the evidence submitted exclusively by the contending parties. In contrast, under the inquisitorial system, the judge, magistrate, etc takes a more vigorous and active role in the proceedings and in the gathering of the evidence (the quantity and/or quality thereof). Under Maltese law, as embraced by domestic case-law, it is a known tenet that a party in civil proceedings is not expected to be guided by the Court or Tribunal regarding the quantity or quality of the evidence to be exhibited. That is purely up to the party submitting the relative evidence. The Court or Tribunal is only permitted to decide on the evidence it has before it and is not allowed to raise any awareness of either of the parties with respect to any possible lacunæ or potential inadequacies in the evidence submitted*."

[17] Massima li tixxiebah ma' din hi dik ta' "*da mihi factum, dabo tibi ius*" (tranduz. 'forniscimi il fatto, ti darò il diritto'): "*nel processo civile, alle parti è attribuito il compito di fornire al giudice le prove su cui si fonda il diritto che intendono far valere in giudizio; all'ordine giudicante è domandata la funzione di ricercare e di interpretare le norme da applicare al caso concreto sottoposto al suo giudizio*" (*cfr.* **UMBERTO ALBANESE**, "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine", Hoepli 1993; p. 85). Ghal approfondiment dwar il-massima ta' "*iura novit curia*" wiehed hu mistieden jara d-decizjoni *in re* **Robert Fenech noe v. Christian Bonnici** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 28 ta' Novembru, 2017; konfermata fl-appell fit-18 ta' Gunju, 2018).

[18] Dan huwa hekk l'ghaliex, "*nel processo civile vige il così detto principio dispositivo in conseguenza del quale il giudice decide esclusivamente in base alle prove fornite in giudizio dalle parti*." (*cfr.* **FRANCESCO GAZZONI**, "Manuale di Diritto Privato", XI ed., 2004; p. 102). Ghaldaqstant, "*le parti sono, e devono essere, su di un piede di parità i protagonisti e gli artefici del processo poiché loro è la res de qua agitur, e su di loro, infine, ricadranno gli effetti del giudizio*" (*cfr.* **GIROLAMO MONTELEONE**, "Manuale di Diritto Processuale Civile", CEDAM 2007; Vol. I, p. 20). "*È, dunque, infedele alla legge quel giudice che, anche in buona fede, si sovrappone alle parti assumendo di fatto la veste di contradittore, che non gli compete; quel giudice che strumentalizza le parti ed il processo per un fine ad esso esterno, qualunque esso sia*

xott, il-gudikant la hu mistenni li jikkolma *lacunæ*, la li jaghti sustanza fejn m'hemmx u lanqas li johloq ordni qalb id-dizordni probatorju lilu offert.[19]

Dan qed jigi puntwalizzat ghaliex ta' spiss jigri li f'kawzi quddiem dan it-Tribunal – forsi minhabba n-nomenklatura tieghu jew ghax ormai jinsab maghruf li strat tal-gurisidizzjoni intrinsika tieghu hi bazata fuq gustizzja, hekk imsejjha, ekwitattiva, – il-procediment relattiv, sfortunatament, jitmexxa b'certu leggerezza u informalizmu ghal dak li jirrigwarda l-produzzjoni ta' provi rilevanti u xierqa. Huwa minnu li dan it-Tribunal huwa moghni bil-fakultà li jaqta' l-kawzi quddiemu skond l-ekwità [kif dettat fl-Art. 6 u Art. 7(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet], bla ebda htiega tal-produzzjoni ta' l-aqwa prova [hekk kif previst taht l-Art. 9(2)(b) ta' l-istess Kapitolu]. Izda dan m'ghandux jigi interpretat bhala xi forma ta' rilassament awtomatiku ta' l-oneri probatorji inkombenti fuq il-partijiet li jippruvaw it-tezijiet rispettivi taghhom. Lanqas ma ghandu jigi interpretat bhala xi forma t'abdikazzjoni mid-dover tal-kontendenti (u d-difensuri taghhom) milli jressqu materjal probatorju ben organizzat, rilevant u siewi ghall-kaz, ossia provi tajbin u sufficjenti in bazi tal-pretiza jew ta' l-eccezzjoni li tkun qed tigi intrattenuta.[20]

---

*(politico, ideologico, economico, di sentimento, persecutorio, ecc. ecc.); quel giudice che finge di vivere il contradittorio ed il processo, ma giunge in realtà con la soluzione precostituita in tasca.*" (*ibid.*, p. 31). L-istess awtur ikompli jghid li, "*Il giudice, come ben sapiamo, è un terzo che non sa nulla (e nulla deve sapere) dei fatti controversi; nel nostro ordinamento assume anche la veste del pubblico impiegato, cioè di burocrate, per cui egli in linea di principio, oltre ad ignorare i fatti, si limita a svolgere il suo lavoro senza particolari entusiasmi per le vicende riguardanti le parti. In queste condizioni è quanto meno azzardato pensare che il giudice possa con esito proficuo sostituirsi nell'acquisizione delle fonti di prova alle parti, che invece conoscono assai bene i propri affari, sanno come e dove cercare le prove, e rischiano in prima persona.*" (*ibid*., p. 269).

[19] Mhux l-ewwel darba li l-qrati taghna esprimew ruhhom f'dan is-sens, ossia li ma kienux disposti jwettqu dak li kien primarjament doveruz ghall-parti interessata li twettaq. Fil-kawza *in re* **Carmen Xuereb v. Av. Anton Micallef** (Prim'Awla, 12 ta' Dicembru, 2013), fejn kienet giet sollevata l-materja ta' preskrizzjoni, il-qorti kienet sostniet tghid illi, "*M'huwiex il-kompitu tal-Qorti illi sabiex issib iz-zmien meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni toqghod tfittex hi l-prova jew f'dak li jkun inghad bil-gurament jew f'dak li jirrizulta minn dokumenti. Dak huwa kompitu tal-partijiet. Ix-xoghol tal-Qorti huwa li tqis u taghrbel il-provi li jitressqu dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet. Fil-kaz tal-lum, almenu fejn jirrigwarda l-preskrizzjoni, dan baqa' ma sarx. Li jfisser li fil-kaz tal-lum ma tirrizultax, b'mod sodisfacjenti u sal-grad rikjest mil-ligi, id-data meta bdiet ghaddejja l-preskrizzjoni.*" Fil-kawza *in re* **Geraldine Noel v. Mario Abela et** (Appell Inferjuri, 30 ta' Lulju, 2019) insibu l-istess filosofija ta' hsieb. Fil-proceduri quddiem il-qorti tat-tieni gerad l-appellanti kienet ilmentat mill-*quantum* ta' xi sommom li ma gewx lilha akkordati fi proceduri t'arbitragg. Dwar tali aspett limsemmija qorti irriteniet hekk: "*L-attriċi għandha jedd tappella fuq punt ta' fatt, pero' kellha tirreferi għal dawk il-provi li fil-fehma tagħha kellhom iwasslu lit-tribunal jiddeċiedi li l-ispejjeż kienu fis-somma ta' €4,296.34. Ħaġa li m'għamlitx. L-attriċi ma tistax tippretendi li din il-qorti toqgħod tagħmel xogħolha*."

[20] Wara kollox, "æquitas legem sequitur" (l-ekwità ssegwi l-ligi) u "æquitas nunquam contravenit legem" (l-ekwità ma tmurx kontra l-ligi). Kif ritenut minn **GIROLAMO MONTELEONE** ("Manuale di Diritto Processuale Civile" Vol. I, CEDAM, 4ª ed., 2007, p. 259), "*L'equità è infatti espressione di diritto, cioè di ordine concreto dei rapporti intersoggettivi, allo stesso modo delle norme scritte generali ed astratte. Ne consegue che quello di equità è un giudizio a tutti gli effetti, quindi ha natura pienamente giurisdizionale e non di altro genere. Ciò comporta due conseguenze della massima importanza: la prima è che le basi di fatto del giudizio restano identiche e comuni nell'uno e nell'altro caso. Non potrebbe, ad esempio, il giudice di equità assumere per certo un fatto non allegato o non provato, o ritenere inesistente un fatto allegato e provato, o alterarne il*

Ma jridx jigi dimentikat illi huma l-provi li jfasslu kawza u jaghtuha l-fattezzi pekuljari u specjali taghha.[21] Huma l-istess provi li jwasslu ghas-success ta' min iressaq istanza quddiem il-qrati (attur) jew ghall-akkoljiment tal-linja difensjonali ta' min jiddefendi ruhu ghaliha (konvenut). Huma l-provi l-qalb ta' kull kontradittorju[22] u huma l-istess provi li jaghtu direzzjoni partikolari lill-ezitu jew l-izvolta tal-procediment. Jekk il-Ligi hi s-sinsla u l-procediment huwa l-iskeletru, il-provi (ossia, l-evidenza) huma l-muskolatura u n-nervituri li jintergraw kollox flimkien.

Hekk kif artigjan ghandu bzonn certu ghodda specifika u certu materjal baziku biex jibda' u jtemm opra lilu affidata, l-istess huwa l-gudikant di fronti ghal vertenza li tirradika l-guridizzjoni tieghu. Quddiemu titwettaq attività u quddiemu jitressqu sforzi processwali (i.e., att gudizzjarji, pretensjonijiet u kontro-pretensjonijiet ta' kull

---

*contenuto. La seconda è che anche il giudizio di equità deve essere motivato, ed anzi ancor più e meglio di quello secondo diritto, poiché non si basa su di un criterio preformato conosciuto, o conoscibile, a priori dalla generalità dei soggetti, ma su di un sentimento diffuso che il giudice deve sapere interpretare*."

[21] Insibu ritenut illi hemm tlett aspetti (jew ilwieni) tal-funzjoni ta' «prova» u cioè, "*prima di tutto ha il significato di designare ciò che serve per confermare un'ipotesi sul fatto* [...] *In un secondo significato, «prova» indica il risultato che si consegue una volta che la prova sia stata assunta e che il giudice ne abbia valutato i risultati in sede di decizione* [...] *In un terzo significato «provare» si ricollega a tutte le varie attività che, nel corso del processo, le parti e il giudice pongono in essere per giungere all'acquisizione delle prove. La prova, cioè, è un «procedimento», in quanto essa si forma e viene ad esistenza attraverso un complesso organizzato, e il piú delle volte regolato dalla legge, di attività svolte da diversi soggetti.*" (**Giorgio Bianchi**, "La Prova Civile", CEDAM 2009; pp. 3–4). Skond awturi ohra, il-provi jistghu jkunu ta' zewg tipologiji generali, ossia dawk imsejjha «precostituite» u dawk largament denominati «costituende». Ta' l-ewwel huma dawk il-provi l-ezistenza ta' liema hi antecedenti ghall-process gudizzjarju (*per ez.* provi dokumentali), mentri dawk ta' l-ahhar jitwieldu, jevolvu jew isehhu fil-kors tal-procediment gudizzjarju (*per ez.* provi orali). Dwar hekk id-duttrina tghallem hekk: "*Prove precostituite sono quelle che si formano fuori e, di solito, prima del processo, nel quale entrano attraverso un semplice atto di esebizione o di produzione. Tipiche prove precostiuite sono i documenti o prove documentali, che si formano, appunto, fuori del processo e che nel processo entrano con la loro produzione, ossia con la loro semplice inclusione (debitamente menzionata nell'atto di citazione o in un comparsa o nel processo verbale d'udienza) nel fascicolo di parte al momento della costituzione o anche in seguito* [...] *I documenti sono già per se stessi, dotati dell'attitudine a produrre efficacia probatoria, sicché, a produzione avvenuta, al guidice non rimane da svolgere altra attività, rispetto ad essi, se non quella del loro apprezzamento, o valutazione ossie un'attività che già concerne la fase di decisione e non più quella istruzione. Sotto questo profilo, sono documenti – o, più in generale, prove precostituite – non soltanto le scritture, pubbliche o private, ma anche diverse rappresentazione di fatti (ad es. fotografie e disegni) o semplicimente cose idonee, col concorrere di certe circostanze, a fondare o a rafforzare il convincimento sulla verità de fatti (si pensi alla fotografia di impronte o ad un oggetto personali rinvenut in un certo luogo). Prove costituende sono, invece, quei mezzi di prova che si formano soltanto nel processo, come risultato di attività istruttoria in senso stretto, sicché prima del processo possono essere soltanto prospettate come possibili, immaginante o preventivate. Tipico esempio di prove costituende sono le prove orali (così dette con un'espressione che palesemente si contrappone a quella di prove scritte o documentali), articolate a loro volta in prove testimoniali, confessione, giuramento*." (*cfr.* **Cristiano Mandrioli** u **Antonio Caratta**, "Diritto Processuale Civile", G. Giappuchelli, 26ª ed., 2017; Vol. II, §33, pp. 172–173).

[22] L-awtur **Francesco Ricci** ("Commento al Codice di Procedura Civile Italiano", Firenze, 1890; Vol. I, §338, p. 344) jikteb illi, "*il contradittorio costituisce il perno del processo, talmente che tutta l'istruzione posteriore della causa non ha altro scopo che quello di svolgere il punto di questione, quale si è fissato con la contestazione della lite*."

generu u ta' kull ghamla) li biex jiddecidihom il-gudikant ghandu bzonn certu ghodda. Bil-wisq naturali, wahda minnhom hi l-Ligi u l-principji li jistghu jinsiltu minnha. Izda dawk biss mhux bastanti, peress li l-Ligi u l-principji guridici wehidihom, u fl-astratt, ma jissarrfux f'decizjoni li tarmonizza l-fatti in kontestazzjoni. Hemm htiega ta' ghodda ulterjuri. U tali ghodda ohra hi l-evidenza, ossia l-provi. Ghalhekk, il-provi huma l-ghodda bazilari ta' kull u kwalsiasi gudikant sabiex, fid-dawl tan-norma guridika (jew izjed) applikabbli, dan jasal jilqa' jew jichad talba jew eccezzjoni. Deficenza ta' provi – jekk hijiex ta' organizzazzjoni jew ta' indole formalistika jew inkella ta' sustanza – minn min hi dovuta titressaq ma twassalx ghall-gustizzja sostantiva mistennija ghax tali karenza ma tistax tigi kolmata mill-gudikant *motu proprio* (salv il-kazijiet previsti jew kontemplati fl-ordinament guridiku). Hekk kif jiktbu l-awturi **ANTONIO CARATTA** u **MICHELE TARUFFO** ("Poteri Del Giudice", Zanichelli editori 2011; p. 478), b'referenza ghall-principju antik ta' "secundum acta et probata non secundum privatam scientiam"[23], "*il giudice era infatti vincolato a decidere* secundum probata, *non* secundum conscientam*, e quindi non poteva* supplere de facto*, potendo utilizzare solo le informazioni che avesse acquistato uti iudex, ossia nell'ambito del process.*"[24]

Dan it-Tribunal jerga' jiehu l-opportunità – kif ghamel u rrimarka f'diversi okkazzjonijiet precedenti – illi m'ghandux ikun skontat il-hsieb ta' xi kontendent li jahseb bis-segwneti manjiera: «Ghandi ragun, u min ser jismani u jiggudikani ghandu tabilfors jintebah!» Tali ragunament, wahdu, ma jaghtix lok, u lanqas ma jista' qatt iwassal, ghas-sitwazzjoni li l-gudikant ser jirrikonoxxi bhala awtomatikament pruvata n-narrazzjoni ta' fatti minn xi parti. Dan hu proprju l'ghaliex il-verità processwali – aktar iva milli le – ta' spiss hi ferm differenti minn dik rejali[25] u, allura, hi necessarja certa kollaborazzjoni da parti tal-parti (attur jew

---

[23] *traduz.* 'skond dak mressaq bhala prova/evidenza, u mhux skond dak li jaf personalment il-gudikant'.

[24] Mizjud ma' dan, wiehed jissenjala dak asserit mill-awturi **CRISTIANO MANDRIOLI** u **ANTONIO CARATTA** ("Diritto Processuale Civile", G. Giappuchelli, 26ª ed., 2017; Vol. II, §33, pp. 170–171) illi, "*il rilevo che le prove sono gli strumenti processuali per mezzo dei quali il giudice forma il suo convincimento circa la verità o la non verità dei fatti affermati dall'una o dall'altra parte viene compiuto quando* […] *il giudice, totalmente libero nel giudizio di diritto (jura novit Curia), subisce, invece, rispetto ai fatti, un duplice vincolo; da un lato quello per cui può conoscere soltanto dei fatti affermati dall'una o dall'altra parte (judex secundum alligata judicare debet) e, dall'altro lato, quello per il quale, per pronunciarsi circa la verità dei fatti affermati dalle parti, non può servirsi, di regola (ossia salvi i casi previsti dalla legge), che delle prove – appunto – offertegli dall'una o dall' altra parte*." Huwa ghalhekk fl-iprem interess u dover tal-partijiet li jfornu provi idoneji fil-kaz taghhom sabiex il-gudikant jemmetti l-gustizzja xierqa u minnu mistennija, f'decizjoni konfezzjonata abbazi ta' l-evidenza.

[25] Interessanti l-osservazzjoni ta' l-awtur Amerikan **MARVIN E. FRANKEL** ("Partisan Justice", edizjoni Hill & Wang, 1978; p. 3) li tghid dan: "*People yearning after ideal justice have dreamed over the centuries of quiet halls where the truth is effectively discovered and the wise application of fair rules or law automatically leads to just results. Like other ideals, this one is not regularly achieved. The shortfall is variously caused in varying cases. A chief obstacle is, in the nature of things, the hostile clash of selfish interests. The faithless promissory would rather not pay damages for breach of contract. The false claimant makes up a promise*

konvenut) mal-patrocinatur taghha u ta' dan ta' l-ahhar ma' l-enti gudikanti sabiex iz-zewg veritajiet jikkombacjaw, jigu sinkronizzati u jikkoezistu f'armonija reciproka fl-atti processwali tal-kaz. Dan isehh permezz tal-filtru ta' l-evidenza (i.e., il-provi) li titressaq f'kawza u quddiem min huwa ultimament imsejjhaq biex jiggudika. Tramite tali gharbiel procedurali, il-verità reali, li jafu solament il-litiganti, tigi mressqa f'forma guridika, oggettiva, organizzata u konkreta lill-enti gudikanti ghall-iskrutinju taghha. B'tali mod, dik il-verità – li qabel tkun biss fl-isfera personali ta' parti jew ta' ohra mill-litiganti – tinbidel f'verità processwali, ossia f'fattur konkret u f'fatt guridikament valevoli li jivvinkola lill-gudikant li jqis, jizen, jixtarr u jiggudika dwaru. Ghalhekk, huma l-provi li jiddeterminaw kawza u mhux l-aspettattivi (jew ix-xewqat) unilaterali tal-partijiet.

Kif jikteb wiehed mill-missierijiet tal-Kostituzzjoni Taljana, **PIERO CALAMANDREI** (*cfr*. "Opere Giuridiche: Problemi Generali Del Diritto e Del Processo" Vol. I [ed. 2019] p. 539), "*per ottenere giustizia non basta aver ragione*". Dak li huwa necessarju, fi kliem l-istess gurista, huwa illi l-fatt jew fatti in kontestazzjoni jigu sew esposti lill-enti gudikanti u li jitwasslu f'forma sobrija u idonea. Infatti, l-imsemmi awtur Taljan jikteb hekk: "*Anche l'antico proverbio veneto, tra gli ingredienti che occorrono per vincere le liti, mette sì al primo posto l' «aver ragion», ma subito dopo aggiunge che occorre altresì «saverla espor», «trovar chi la intenda», e «che la vogia dar», e alla fine «debitor che possa pagar»*." Dan huwa hekk l'ghaliex, "*Nel processo civile l'attore si fa avanti per domandare una sentenza che riconosca il suo diritto; ma ottener ciò non dipende soltanto dalla sua domanda: il giudice non è, come argutamente avvertiva GNAEUS FLAVIUS, una delle quelle macchinette automatiche in cui basta introdurre da una parte una moneta perchè dall'altra esca il pacchetto bell'e confezionato. Affinchè la domanda proposta dall'attore possa esser accolta, occorre che sia filtrata attraverso la mente del giudice, e che riesca a farsi intendere da lui ed a persuaderlo: l'esito finale dipende dunque dall'incontro di queste due psicologie individuali e dalla forza di convinzione con cui le ragioni fatte valere dal richiedente riusciranno a suscitare risonanze e simpatie nella conscienza del giudicante* [... ... ...] *il giudice, il cui* visus *è limitato istituzionalmente nella cornice degli* alligata et probata*, non è libero di dar ragione a chi vuole, ma è tenuta a dar ragione a quella parte che meglio è riuscita, coi mezzi tecnici a ciò appropriati, a dimostrare di averla.*" Ghalkemm bi kliem ferm anqas elokwenti minn dak appena citat, dan it-Tribunal, kif presedut, kien diga' ttenta jwassal l-istess messagg dwar tali tematika, hekk kif rifless fis-sentenzi, fost ohrajn, *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** (15 ta' Ottubru, 2018)**, Charles Schembri v. Jean Schembri** (9 ta' Jannar, 2019), **Mario Farrugia v.**

---

*and lies to pursue an undeserved recovery. The guilty defendant hopes to go unwhipped of justice. The ruthless, self-seeking prosecutor is willing to convict the innocent for personal advantages of graticication. And so on.*"

**Jonathan Pellegrini** (31 ta' Ottubru, 2019), **David Borg v. Frank Borg et** (31 ta' Ottubru, 2019), **Anthony Grech v. Joseph Spiteri** (5 ta' Novembru, 2020), **Catherine Cauchi v. Keith Seychell** (1 ta' Novembru, 2021) u **Norbert Caruana et v. Kuraturi Deputati ghall-Assenti Jospeh u Maria Busuttil** (1 ta' Novembru, 2021).

Issa, il-procediment odjern huwa ta' indole civili u ghalhekk l-oneru huwa mixhut fuq il-parti attrici li hija dik il-parti li qed tallega certa fatti ai termini tac-citat Art. 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili. Din mhux mistennija li tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kwalsiasi dubju dettat mir-raguni (i.e., "beyond reasonable doubt") hekk kif rikjest fi procedimenti ta' natura penali. Hawnhekk, il-grad ta' prova huwa li l-attur jipprova l-pretensjoni tieghu fuq bilanc ta' probabilitajiet (i.e., "preponderance of the evidence" jew "balance of probabilities"). Tali *standard* jintlahaq jekk il-pretensjoni jew allegazzjoni aktar ghandha aktar mis-sewwa milli le meta mpoggija fl-isfond fattwali tal-grajja tal-kawza. Tali standard jigi sodisfatt bil-produzzjoni ta' provi idoneji u sufficjenti li jghatu piz lill-allegazzjoni ta' xi parti. Skond **Lord Denning J**., fil-kaz ta' «Miller v. Minister of Pensions» ([1947] 2 All ER 372), hu jispjega din in-norma procedurali hekk: "*If the evidence is such that the tribunal can say: 'we think it more probable than not', the burden is discharged, but if the probabilities are equal it is not*." Ukoll interessanti hi l-asserzjoni maghmula minn **Lord Hoffman J**. fil-kaz ta' «Re B» ([2008] UKHL 35) fejn sostna dan: "*If a legal rule requires a fact to be proved (a 'fact in issue'), a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for a finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carries the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened*."[26] Kif gie osservat minn

[26] It-Tribunal josserva li r-rit procedurali civili taghna jsib il-*fons* tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew imhaddna fl-ordinament domestiku fi zmien id-dominju Ingliz f'Malta. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista Malti **Paolo De Bono** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p. 320) u noltre illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p. 322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar citazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: «*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del* Best, *'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal* Lely *(Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso.*» (pp.322–323). Bhala ezempju tangibbli ta' dak illi qed jigi maghdud, wiehed jirreferi ghas-sentenza

dan it-Tribunal, kif presjedut, fis-sentenza *in re* **Ivan Blazek v. Personal Exchange International Ltd** (European Small Claims Procedure, 21 ta' Marzu, 2018), citata aktar kminei, "*From the Tribunal's viewpoint, it is rather like a pair of scales – to win the case one needs to tip them a little bit past level. Therefore, if a judge reaches the conclusion that it is fifty per cent (50%) likely that the plaintiff is in the right, the plaintiff will have his case rejected or dismissed. On the other hands, if the judge reaches the conclusion that it is fifty one per cent (51%), or more, likely that the plaintiff is in the right, then the plaintiff will win the case. In the present case, it is the plaintiff who is 'burdened' to prove his allegations against the defendant company*."

Dawn l-osservazzjonijiet kienu necessarji biex jindirizzaw l-isforz alkwantu spartan – addirittura minimalist – ezercitat mill-attrici biex tipprova l-kaz taghha u, fl-istess hin ukoll, biex jissottolinejaw illi l-isforz tal-konvenut kien lil hinn mill-kuntest processwali reali offert mill-procediment *de quo*.

It-Tribunal jaghlaq il-parentezi u jikkunsidra kif gej.

Is-socjetà attrici ressqet lir-rapprezentanta taghha, Doris Sammut Bonnici, f'din il-kawza[27] u wara tali xhieda ghalqet il-provi taghha.[28] L-istess rapprezentanta sostniet illi l-kumpannija attrici kienet provdiet lill-konvenut xi materjal ta' *plastic* ghar-riciklagg u li dan kien jigi mill-konvenut esportat fl-esteru. Il-konvenut kien jakkwista tali materjal minghand diversi fornituri lokali, fosthom l-attrici u kien jixtri bil-*container load*. Il-konvenut kien ihallas abbazi ta' pagamenti akkont u li l-affarijiet dejjem marru sew meta mbaghad l-istess kien allega li kien hemm xi difett f'xi zewg *containers* ghax allegatament kellhom xi kontaminazzjoni (jew *leakage*) u l-materjal ta' gewwa fih tgharraq. Ghalkemm l-attrici talbet provi f'dan ir-rigward, il-konvenut naqas milli jforni l-istess u ghamel zmien ma hallasx il-kont pendenti. Ir-rapprezentanta kkonfermat illi l-ammont reklamat f'dan il-proceduri, ossia €5,000.00c, baqa' qatt ma gie mhallas u li ghalhekk kellha ssehh din il-kawza. Waqt ix-xhieda taghha, din ir-rapprezentanta ezibiet xi *statements* (*Transaction*

---

*in re* **Lawrence *sive* Lorry Sant v. In-Nutar Guze' Abela** (Prim'Awla, 27 ta' April, 1993) fejn naraw illi din l-Onorabbli Qorti ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur Peter Murphy ("*Modern Law of Evidence*", 2nd edition) u l-opra intitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Addizzjonalment, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-proceduri *in re* **Michael Agus v. Rita Caruana** (Prim'Awla, 10 ta' Marzu, 2011; digriet kamerali) ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi f'dak li jirrelata mà produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha.

[27] Fl-udjenza tal-11 ta' April, 2018 (*a fol*. 21)

[28] *vide* verbal *a fol*. 14.

*Report*) fejn hemm ammonti risalenti kollha ghas-sena 2009 fejn l-ammont globali huwa ta' €5,096.03c.[29]

Sa tali stadju – u lil hinn minn kif il-procediment relattiv sussegwentement zviluppa – it-Tribunal ikollu jistqarr li jekk l-attrici kienet tahseb li kienet adempiet id-doveri probatorji taghha, l-istess kienet tkun errata. Id-deposizzjoni hi pjuttost skarna minn element probatorji sufficjenti biex tirrizulta l-kwalità ta' kreditrici fiha u ta' debitur taghha fil-persuna tal-konvenut. Addirittura, id-dokumentazzjoni minnha forniti huma ferm genereci, mhux rikollegabbli ghal xi servizz jew bejgh moghti mill-attrici (ghax ma jidhirx isimha fihom) u lanqas kollegati mall-persuna (jew negozju) tal-konvenut (ghax m'hemmx indikazzjoni t'ismu), privi mid-debitu dettall u konducenti ghal cifra diversa (ghalkemm bi ftit) minn dik domandata originarjament f'dawn il-proceduri. Sa tali stadju, ghalhekk, l-istanza attrici ma gietx debitament sustanzjata u korroborata u kienet destinata tfalli.

Madanakollu – u salv ghal dak li ser jinghad aktar 'l isfel – il-konvenut wettaq attività processwali li, *prima facie*, ikkolmat il-karenzi fuq deskritti ta' l-attrici.

Fil-kontro-ezami taghha, ir-rapprezentanta Doris Sammut Bonnici,[30] regghet sostniet li l-konvenut kien ghad fadallu jhallas €5,000.00c lill-attrici u li l-istess kien iddecieda jzommhom bhala kumpens ghal xi hsarat li kien qed jippretendi li sofra in kollegament ma zewg *containers* ta' merkanzija. Inoltre, fuq talba u insistenza tal-konvenut waqt tali kontro-ezami, l-istess rapprezentanta intrabet li tezibixxi l-fatturi (*invoices*) kollha li jsehhu lill-konvenut. Dawn gew eventwalment prezentati.[31]

Tali fatturi jaghtu hafna izjed dettall mill-i*statement* (*Transaction Report*) originalment ezibit mill-attrici. F'tali fatturi hemm:

(a) il-konvenut (li jopera bit-trade name 'Green Care Trading') inghata s-servizzi minn kumpannija bl-isem ta' 'G.S. Rec Limited' u mhux minn dik hawnhekk attrici;
(b) in-numru tal-VAT ta' din il-kumpannija 'G.S. Rec Limited' hu MT1660-2925;
(c) id-deskrizzjoni tas-servizzi moghtija mill-imsemmija kumpannija 'G.S. Rec Limited' lill-istess konvenut;

---

[29] Dokument immarkat bhala "Dok: GSS.1" (ara *a foll.* 17–18). Fil-verbal tal-udjenza relattiva gie dikjarat hekk dwar tali dokument: "[Id-difensur tal-attrici] *ipprezenta seduta stante nota bi statement marbut mal-ammonti mitluba f dawn il-proceduri*."
[30] Fl-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2018 (*a fol.* 24) u f'dik tat-8 ta' Ottubru, 2018 (*a foll.* 29–33).
[31] Fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018 (*a foll.* 34–50).

(d) id-data ta' meta inghata s-servizz (i.e., id-data relattiva) u f'xiex kienu jikkonsistu;
(e) il-prezz singolari u relattiv, suddiviz skond il-fattura partikolari.

Minn tali evidenza hareg fattur gdid. Tali *invoices* kollha gew mahruga minn kumpannija li m'hijiex is-socjetà attrici, ossia illi kollha gew mahruga minn kumpannija jismiha "G.S. Rec Limited". Fosthom hemm l-i*statement* datat 24/10/2017 (*a fol*. 49) li donnu hu dak li jikkoncerna l-istanza prezenti.

Minn tfittxija hafifa fid-dominju pubbliku (registru tal-kumpanniji u minn fuq is-sit elettroniku ta' l-attrici[32])[33], it-Tribunal skopra li l-kumapnnija "Green Skip Services Limited" (hawn attrici) u dik bl-isem ta' "G.S. Rec Limited" huma manifestament zewg entitajiet separati u li entrambi ghadhom joperaw b'mod distint. Dik attrici ghandha n-numru ta' registrazzjoni 'C-13893' filwaqt li l-ohra ghandha n-numru ta' registrazzjoni 'C-17963'. L-ewwel wahda bdiet topera fis-sena 1992, filwaqt li t-tieni wahda bdiet topera fl-2003. L-ewwel wahda hi azzjonista tat-tieni wahda. Il-kumpannija "Green Skip Services Limited" (hawn attrici) ghandha n-numru tal-VAT MT1021-8166, filwaqt li dik bl-isem ta' "G.S. Rec Limited" ghandha numru differenti tal-VAT kif muri *supra*. Komuni ghal entrambi huwa l-indirizz ta' registrazzjoni.

Fid-dawl ta' dan l-aspett partikolari, it-Tribunal, wara li kien aggorna l-kaz ghad-decizjoni fl-udjenza tal-15 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 117), kien waqqaf il-prolazzjoni ta' l-ghoti tas-sentenza u b'digriet emess fl-20 ta' Novembru, 2020 (*a foll*. 128–129) kien, *ex officio* u ghall-motivi hemmhekk imfissra, qanqal "*l-eccezzjoni tal-legittimità attiva tal-parti attrici u kif ukoll tan-nuqqas ta' interess guridiku taghha u*

---

[32] *link* relattiv fid-data tal-20 ta' Marzu, 2020 u fis-7 ta' Lulju, 2022: http://www.greenskipgroup.com/index-1.html
[33] Sitwazzjoni simili kienet giet trattata fid-decizjoni *in re* **Mario Lapira v. Alexander Friggieri pro et noe** (Appell Superjuri, 28 ta' Marzu, 2014) fejn l-ewwel qorti kienet kisbet xi tgahrif minn fuq sit elettroniku (mhux ezibit fil-kors tal-proceduri) dwar certu aspetti tal-vertenza. Il-Qorti ta' l-Appell kienet sostniet dan fir-rigward: "*Il-konvenut jilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti zbaljat meta minn rajha fittxet dwar l-istatus ta' Swedoc fuq xi sit elettroniku. Din il-Qorti taqbel illi, in linea ta' principju, gudikant ghandu "jestraji d-decizjoni tieghu unikament mill-allegazzjonijiet provati, u mhux ukoll minn dak li messu ngieb a bazi tad-domanda u baqa' ma giex offert bi prova konvincenti" – F. Advertising Ltd. v. Attard et, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-21 ta' Mejju, 2010. Jidher car, però, li t-tfittxija li ghamlet l-ewwel Qorti ma kienetx determinanti ghad-decizjoni taghha. Il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet bazata fuq il-fatt li l-attur hareg Lm6000 biex jigi mlaqqa' ma' xi hadd li lest jiffinanzja l-progett li kellu f'mohhu, izda ma tlaqqa' ma hadd. Is-Lm6,000 inghataw "in consideration of the Swedoc Group directly or indirectly introducing me to any person" kapaci jiffinanzja l-progett, però, bhala fatt, l-attur ma gie "introduced" lil hadd, u allura jista' jinghad li tonqos il-kawza funzjonabbli tal-obbligazzjoni. Din hija r-raguni primarja tad-decizjoni, u t-tfittxija li ghamlet l-ewwel Qorti ma hix rilevanti ghal din il-konkluzjoni*." Ghalhekk, ghandha tezisti differenza bejn informazzjoni mehuda b'impuls proprju li wehidha twassal ghall-konkluzjoni u dak ix-xenarju fejn tali informazzjoni, hekk miksuba, tkun sempliciment marginali ghall-kwistjoni u ma tkunx determinanti ghar-raggungiment ta' decizjoni.

*dan ai termini ta' l-Art. 780 u l-Art. 732A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), b'mod rispettiv*."[34]

Sostanzjalment (u anke proceduralment), dan sar peress li l-istess imsemmija evidenza dokumentarja kienet *prima facie* tnezza lill-attrici mill-interess guridiku rikjest biex tipromwovi u tippersegwi talba ghal hlas (ghax il-fatturi relattivi kienu mahruga minn haddiehor[35] u mhux minnha[36]). Ritwalment, dan twettaq biex jaghti l-opportunità lill-kontendenti jirregolaw il-posizzjoni rispettiva taghhom ghar-rigward, halli tigi evitata sitwazzjoni fejn titqanqal materja *noviter* f'decizjoni ahharijiet, b'sorpriza ghall-partijiet li qatt ma kellhom l-okkazzjoni jindirizzawha u/jew jintrattenuha.[37] Dan sehh ukoll sabiex jitwaddab dawl fuq tali episodju u dan

---

[34] Ara s-sentenza *in re* **Eduardo Grech quale Presidente della Filarmonica 'Sta. Maria' di Musta v. Negoziante Francesco Darmanin** (Qorti tal-Kummerc, 15 ta' Jannar, 1907) li tghid illi l-eccezzjoni ta' l-illegittimità tal-persuna m'hijiex eccezzjoni dilatorja izda wahda perentorja, opponibbli fi kwalsiasi stadju tal-gudizzju u anke in sede t'appell, u tista' tigi sollevata mill-Qorti anke *motu proprio* jew *ex officio*. Din is-sentenza giet citata b'approvazzjoni fis-sentenzi *in re* **Anthony Gauci v. Modern Circuits Limited** (Prim'Awla, 5 ta' Ottubru, 2006), **Marina Holdings Limited v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** (Prim'Awla, 7 ta' Frar, 2008) u **Vassallo Builders Group Limited v. John A. Said pro et noe** (Prim'Awla, 5 ta' Ottubru, 2010) ilkoll *per* Onor. Imhallef Joseph R. Micallef.

[35] Kollha minn "G.S. Rec Limited" [C-17963].

[36] L-ebda minn "Green Skip Services Limited" [C-13893].

[37] Tigi senjalata d-decizjoni *in re* **Improved Design Limited v. Antoine Grima** (Prim'Awla, 4 ta' Marzu, 2004) li kienet titratta l-kwestjoni li l-interess guridiku hi materjal sollevabbli *motu proprju*. Il-Qorti kienet sostniet illi, "*Huwa stabilit li l-Qorti ghandha kemm is-setgha u kif ukoll il-jedd li tqis il-fattur tal-interess ta' parti, wkoll meta ma jkunx hemm eccezzjoni f'dan is-sens, izda mhux qabel ma l-Qorti tkun semghet il-provi biex fuq is-sahha taghhom hija tkun tista' tasal ghall-fehma taghha*." Fil-kawza **Kevin Chircop v. Joseph Chircop** (Prim'Awla, 28 ta' Jannar, 2004) il-Qorti affermat illi hi stess "*kellha tissolleva marte proprio l-karenza ta' l-interess fl-attur billi thoss li din hi kwestjoni ta' ordni pubbliku li l-gudikant hu obbligat li jirrileva ex officio. Dan in omagg ghall-principju, superjuri anke ghall-interess privat tal-partijiet, illi l-gustizzja mhux semplicement tigi amministrata izda anke li din tkun qed tigi amministrata sew u skond il-ligi. Il-principju ta' l-interess guridiku, dirett, legittimu u attwali f' kull min jipproponi azzjoni jrid jigi allura skrupolozament imhares bis-solennità procedurali kollha, anke jekk mhux sollevat mill-parti kuntrarja fil-gudizzju*." Ghalkemm fl-appell dan l-argument gie kondiviz pjenament, tali sentenza giet revokata in sede t'appell fejn inghad hekk: "*Din il-Qorti [ta' l-appell] hasbet fit-tul fuq dan il-punt, hu hi tal-fehma li meta tali eccezzjoni tigi sollevata ex officio mill-Qorti, din ghandha taghti l-opportunità lill-partijiet li jesprimu l-fehma taghhom qabel ma tippronunzja s-sentenza*." Dwar dan l-ahhar punt ara **Veronique Amato Gauci et v. Marco Zammit et** (Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004) u wkoll **Ignazio Gatt v. Michael Debono et**, (Appell Civili, 12 ta' Dicembru, 1983 – mhux pubblikata). Inoltre, Art. 732A tal-Kodici ta' Procedura Civili jghid hekk: "*Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, fil-każijiet fejn il-liġi tippermetti lill-qorti li ex officio tagħti eċċezzjoni mingħajr ma tagħti dik l-eċċezzjoni qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, mingħajr ma tippermetti lill-partijiet li jieħdu konjizzjoni ta' dik l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza, u mingħajr ma l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi jew jagħmlu sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni, il-qorti m'għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għandha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-qorti bil-miftuħ jew permezz ta'digriet in camera u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi ujagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar l-eċċezzjoni qabel matingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-qorti*." Dwar tali disposizzjoni ssir referenza ghad-decizjoni *in re* **Alan James Caruana et v. Victor Abela et** (Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju, 2016) fejn gie asserit hekk: "*Hu evidenti li l-qorti ssollevat ex officio eccezzjoni ta' kompetenza ratione valoris. Skont l-Artikolu 774(b) tal-Kap. 12, il-qorti ghandha dritt li tqajjem eccezzjoni bhal din. Madankollu mill-atti hu evidenti li din l-eccezzjoni tqajmet fis-sentenza. Dan ifisser li l-partijiet ma nghatawx l-opportunità li jaghmlu sottomissjonijiet dwarha. Bl-emendi li saru bl-Att IV tal-2016, il-qorti ghandha taghti l-opportunità lill-partijiet li jressqu provi u jaghmlu sottomissjonijiet*

in vista li procediment gudizzjarju ghandu, kemm jista' jkun, ikun mera veritjiera tar-realtà fattwali. Ghandha tkun normattiva sagrosanta illi, "*Ir-ricerka tal-verità ghandha tkun l-aqwa konsiderazzjoni*" hekk kif kien sostna c-celebri Imhalleff Maurice Caruana Curran fil-kawza *in re* **Grazia Meilak et v. Salvatore Grech** (Prim'Awla, 12 ta' Marzu, 1964).

Minn dak l-istadju 'l quddiem, il-partijiet kellhom l-opportunità jiffukaw u jikkoncentraw l-isforzi probatorji taghhom dwar din il-materja, u dan hekk kif jixhdu il-verbali u l-provi voluminuzi successivament ezibiti in atti.

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Illi fl-udjenza tas-26 ta' Mejju, 2021 l-attrici ressqet ghadd ta' dokumenti (*a foll*. 135–138) sabiex turi li l-kumpannija "Green Skip Services Limited" u dik "G.S. Rec Limited" kienu saru haga wahda, u cioè li kienu amalgamaw flimkien, bl-ahhar wahda tigi interament assorbita fl-ewwel kumpannija (li hi attrici f'din il-kawza). Madanakollu, l-episodji probatorji sussegwenti wrew altrimenti, hekk kif ser jintwera minn hawn u ftit iehor.

Tali dokumenti jikkonsistu, *inter alia*, x'numru ta' *emails* mibghuta mir-rapprezentant ta' l-attrici lil Malta Business Registry (MBR), jistaqsu jekk id-dokumenti dwar il-*merger* kienux waslu lill-istess MBR. Fosthom hemm *email* responsiv, datat 25 ta' Mejju, 2021, ta' certa Stephanie Spiteri Vassallo ghan-nom ta' MBR li jghid hekk: "*Further to our call, kindly note that whilst the merger remains pending due to unsettled penalties and/or amendments to merger docs, Annual returns and Accounts for the companies need to be registered and any fees settled. To this effect kindly submit and settle the below pendings at your earliest. I will review the remaining docs and revert back within the next few days should there be any merger related docs that are still pending or that need amending.*" (*a fol*. 136).

Fl-udjenza tat-30 ta' Gunju, 2021 xehedet Mary Gaerty li sostniet li hi tipposjedi 50% ishma fil-kumpannija "Green Skip Services Limited" u 50% ishma fis-socjetà "G.S. Rec Limited" u li entrambi jinsabu taht l-istess saqaf u jigu gestiti u mmexxija mill-istess post u mill-istess diretturi, u dan taht il-kappa generali ta' 'Green Skip'.[38]

---

*dwar eccezzjoni ex officio qabel taghti s-sentenza (Artikolu 732A tal-Kap. 12). Fir-rikors ta' l-appell, l-appellanti ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza Anthony Saliba vs. Neptune's Bar and Restaurant Company Limited tat-8 ta' Jannar 2010, fejn il-qorti qablet mal-fehma li m'ghandux ikun li qorti tissorprendi lill-partijiet billi fis-sentenza tqajjem eccezzjoni ex officio minghajr ma tkun tat l-opportunità ta' trattazzjoni dwarha.*"

[38] *A fol*. 140.

Sussegwentement kienet ittiehdet decizjoni interna li "G.S. Rec Limited" tigi amalgamata u assorbita fi "Green Skip Services Limited"[39] u f'dan ir-rigward, f'Jannar, 2019, gew prezentati d-dokumenti pertinenti dwar tali amalgamazzjoni mal-MBR. F'dan is-sens giet prezentata *board resolution*[40] u 'Draft Terms of Merger'[41] lil MBR. Mary Gaerty sostniet illi minn dak iz-zmien "*ghadu ghaddej il-process sal-lum*" dwar tali amalgamazzjoni[42] u li l-process ghadu ma giex hekk konkjuz minhabba xi allegat mankanza ta' dokumenti f'idejn l-MBR u li "*issa qed ikompli l-accountat biex jipprova jaghlaq wara dawn is-snin kollha*".[43]

Fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2021 xehedet Claudia Diacono, bhala rapprezentant tal-MBR. Din sostniet li, "*il-kumpannija Green Skip Services Limited (C13893) hija kumpannija separata, kif ukoll hi C17963 G.S. Rec Limited huma t-tnejn separati minn xulxin u qatt ma kien hemm amalgamazzjoni flimkien ghax qatt ma kien hemm drafts mergers …*"[44] u li, "*Skont il-Portal taghna qatt ma kien hemm amalgamazzjoni; qatt ma intlahaq draft terms merger fuq din il-kumpannija*."[45] Peress li x-xhud Diacono kienet iccekkjat is-sistema virtwali/elettronika biss tal-MBR, l-istess kellha terga' tidher f'udjenza ohra sabiex nel frattemp tivverifika anke il-*files* fizici fi hdan l-MBR.

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar, 2022 regghet xehedet Claudia Diacono li qalet illi d-dokumenti dwar amalgamazzjoni kienu dahlu l-MBR fid-29 ta' Jannar, 2019[46] imma madanakollu l-*merger* ma setax jigi processat peress li l-kumpannija 'G.S. Rec Limited' ma kinitx "in good standing" u qabel ma tali qaghda tigi ssanata jew rettifikata "*ma jkunx jista' jghaddi d-draft set of mergers.*"[47] Minhabba dan, l-imsemmija zewg kumpanniji ma amalgamawx flimkien u, allura, ghadhom kunsidrati entitajiet separati.[48] Spjegat ulterjorment illi sakemm l-MBR ma jkollux id-dokumenti kollha u tajbin, l-iprocessar tal-*merger* ma jistax jigi finalizzat.[49] Spjegat ukoll li l-process huwa li l-ewwel jigu sottomessi d-dokumenti relattivi ma' l-MBR, li dawn jigu processati mill-MBR u jigi vverifikat illi l-kumpannija li ser "tmut" tinsab "in good standing" u wara ssir il-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali u tinghata pubblicità fuq il-*website* tal-MBR u, successivament, wara ftit xhur, jinhareg

[39] *Tergo* ta' *fol*. 140.
[40] *A fol*. 143.
[41] *A fol*. 144.
[42] *A fol*. 141.
[43] *A fol*. 141.
[44] *A fol*. 149
[45] *Tergo* ta' *fol*. 149.
[46] *A fol*. 153.
[47] *A fol*. 154.
[48] *A fol*. 156.
[49] *A foll*. 161–162.

certifikat formali da parti ta' l-MBR li l-*merger* ikun sehh[50] u dan peress li huwa c-certifikat li jissigilla kollox.[51] Sal-gurnata tax-xhieda ta' Diacono (i.e., 17 ta' Frar, 2022), Diacono sostniet li z-zewg entitajiet kienu ghadhom attivi u hajjin.[52] Diacono regghet intrabet li tidher ghall-udjenza li kien imiss sabiex tissokta tixhed wara li twettaq xi verifiki ohra dwar is-socjetà 'G.S. Rec Limited' u dwar il-"good standing taghha".

Fl-udjenza ta' l-1 ta' Marzu, 2022 kompliet tixhed Claudia Diacono u xehedet specifikatament fuq is-sitwazzjoni prezenti tal-kumpannija 'G.S. Rec Limited' (C17963). Qalet li kien hemm somma ta' penali illi kienet ormai thallset fis-sena 2021,[53] izda l-MBR baqa' qatt ma rcieva *draft terms of merger* emendat/aggornat li jirrifletti "id-date of change".[54] Addizzjonalment, l-*annual returns* ta' 'G.S. Rec Limited' tas-snin 2019 u 2020 baqghu qatt ma gew sottomessi[55] u dwar ir-*revised version* tad-*draft terms of merger* Diacono ezibiet numru ta' *emails*. F'wiehed minnhom, datat 3 ta' Novembru, 2021, jinghad hekk: «*In addition to the below, it is vital that the draft terms of merger be revised (as per my email dated 1st June 2021) and this to reflect the company's status as to date.*»[56] Fl-*email* tal-1 ta' Gunju, 2021, li jissemma f'dak appena kwotat, jinghad dan: «*Since the merger docs are still pending, the companies involved in the merger are required to be brought up to date. It is also being suggested that since the company has been pending since 2019 (due to amendments, late filings and penalties) that the draft terms of merger be amended to reflect the company's status as to date.*»[57] Ix-xhud Diacono wkoll tkellmet dwar *emails* ohra mibghuta lill-*contact persons* taz-zewg imsemmija kumpanniji, fejn rapprezentant ta' MBR kien qed ifisser u jikkomunika n-nuqqasijiet tal-*proposed merger*.[58] Diacono, ghal darb'ohra, regghet affermat li ghall-MBR iz-zewg kumpanniji ghadhom zewg socjetajiet kummercjali separati peress li l-process relattiv tal-*merger* mhux finalizzat u ssigillat.[59]

In riassunt, qed tigi kaptata is-segwenti silta mid-deposizzjoni ta' Claudia Diacono li kienet qed twiegeb ghad-domandi ta' dan it-Tribunal:

---

50 *A foll*. 164–165.
51 *A fol*. 165.
52 *A fol*. 168.
53 *A fol*. 705.
54 *A fol*. 705.
55 *Tergo* ta' *fol*. 705.
56 *A fol*. 932.
57 *A fol*. 927.
58 *A fol*. 707 *et seqq*.
59 *A fol*. 711.

Tribunal: Jekk nagħmel ri-assunt tas-sitwazzjoni, jekk inkun skorrett għidli u kkorreġini: mela kien hemm inizjalment, oriġinarjament kien hemm żewġ kumpaniji, waħda xtaqet tamalgama m'oħra. Il-G.S. tamalgama fi Greek Skips, tajjeb?

Xhud: Hekk hu.

Tribunal: Issottomettew xi applikazzjonijiet u xi dokumenti, tajjeb?

Xhud: Yes.

Tribunal: Kien hemm xi nuqqasijiet fid-dokumenti.

Xhud: Iva.

Tribunal: Allura ma setgħetx issir l-amalgamazzjoni jew il-merger.

Xhud: Hekk hu.

Tribunal: Kien hemm penali.

Xhud: Iva

Tribunal: Inizjalment ma tħallsitx.

Xhud: Iva.

Tribunal: Imbagħad tħallset.

Xhud: Hekk hu.

Tribunal: Ġaladarba tħallset, l-MBR talab resubmission tal-istess merger documents, mill-ġdid, hux hekk?

Xhud: Iva, b'data riflessa—

Tribunal: B'data rifless fil-preżent.

Xhud: Hekk hu.

Tribunal: Tajjeb. Dik ma saritx.

Xhud: Hekk hu.

Tribunal: Illum il-ġurnata merger uffiċjali m'hemmx.

Xhud: Hekk hu.

Tribunal: Mela għad hemm żewġ kumpaniji distinti.

Xhud: Hekk hu

Dawk kienu l-provi mressqa mill-partijiet dwar il-materja sollevata mit-Tribunal bid-digriet Tieghu tal-20 ta' Novembru, 2020.

Fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2022 (a fol. 976) kellha ssir it-trattazzjoni izda din kienet giet rimandata ghal data ohra ghax kien intalab differiment (*vide* rikors tat-12 ta' Mejju, 2022; *a fol*. 975) u fl-udjenza tat-28 ta' Gunju, 2022 il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza wara li l-partijiet kienu ressqu nota kongunta fl-14 ta' Gunju, 2022 (*a fol*. 977) illi permezz taghha rrimettew ruhhom ghall-atti processwali bla htiega ta' trattazzjoni finali.

It-Tribunal jikkunsidra hekk;

Huwa ormai fatt notorju u kuncett gurisprudenzjalment accettat li kumpannija tipposjedi personalità guridika distinta – kemm mill-membri taghha u sia wkoll minn entitajiet ohra. Dan huwa sahansitra rikonoxxut mil-legislatur patriju li pozittivament jidentifikah fl-Art. 1A tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u fl-Art. 4(4) ta' l-"Att Dwar il-Kumpanniji" (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta' Malta). Ghalhekk, il-kumapnnija "Green Skip Services Limited" (li hi attrici f'dan il-procediment) u l-kumpannija "G.S. Rec Limited", ghalkemm jistghu talvolta jitmexxew mill-istess indirizz u gestiti mill-istess persuni fizici, huma, koncettwalment u fundamentalment, zewg entitajiet separati, awtonomi u distinti u l-operati taghhom – kemm bhala kredituri u kif ukoll bhala debituri – ma jistghux jigu fuzi jew konfuzi jew inkella miskjati flimkien.

Ghalkemm id-dirigenti ta' dawn il-kumpanniji kellhom (u, mid-dehera, ghad ghandhom) id-deziderju li s-socjetà "G.S. Rec Limited" tigi assorita fis-socjetà attrici, f'dan il-procediment jirrizulta b'mod palezi li tali amalgamazzjoni ghadha ma sehhitx u dan hekk kif dettaljatament espost hawn aktar kmieni. Dan ifisser illi l-obbligi u r-responsabbilitajiet ta' "Green Skip Services Limited" u dawk ta' "G.S. Rec Limited" baqghu u huma distinti, awtonomi u separati minn xulxin. Dan ifisser illi terzi persuni li jinnegozjaw jew jikkuntrattaw jew li b'xi manjiera jintrabtu fil-konfront ta' "Green Skip Services Limited" ma jistghux jigu azzjonati jew imfittxija minn "G.S. Rec Limited" u, naturalment, dan japplika *mutatis mutandis* bl-invers. Fi kliem iehor, jekk terza persuna ghandha xi debitu di fronti ghal wahda minn

dawn iz-zewg kumpanniji, dik il-persuna tista' tigi azzjonata solament mill-kumpannija li talvolta hija l-veru kreditur ta' dik il-persuna u mhux mill-ohra, b'mod indiskriminat.

B'mod aktar elaborat, wiehed jissenjala s-segwenti taghlim li jrid imbaghad jitpogga fl-isfond tal-kunsiderazzjonijiet fattwali li ser jiwettaq mit-Tribunal aktar lil hinn dwar dan l-aspett tal-kawza.

Hu bil-wisq naturali li persuna – sia fizika u sia guridika – li tiddeciedi tressaq kawza ghandha tkun legittimatá taghmel hekk, cioè li tkun kompetenti u kapaci li tressaq azzjoni (bil-presuppost addizzjonali li tali azzjoni tista' twassal ghal xi forma ta' success u/jew ezitu favorevoli ghal min jifformula l-kawza u f'min jipproponiha). Dan hu importanti l'ghaliex jekk is-soggetti kollha jkunu jistghu, *a proprio piacimento*, jagixxu in gudizzju u jipproponu talbiet jew jiddeducu eccezzjonijiet bazati fuq kwalsiasi obbligi, drittijiet, *et similia*, (anke jekk mhux lilhom appartenenti) minghajr ma jkun hemm l-ebda forma ta' filtru procedurali, il-funzjoni fundamentali tal-qrati tigi vanifikata u emaskulata u l-konsegwenzi jkunu kaotici.

Il-kapacità processwali (denominata wkoll *legittimazzjoni processwali* jew il-kapacità li toqghod f'kawza) tikkonsisti fl-idonjetà li persuna tipproponi azzjoni (attur) jew li tkun avversarju f'azzjoni (konvenut) u fis-setgha li twettaq atti u attività fil-process gudizzjarju; atti gudizzjarji u/jew attivitajiet processwali li ghandhom isehhu mit-titolari tal-jedd vantat. Hi mehtiega certu kapacità specifika biex persuna tkun f'posizzjoni guridika twelled u tkompli tippartecipa fi prociediment processwali u tali kapacità hi necessarjment komposta minn certu kriterji. Dawn huma kriterji li jiddefinixxu u jiddelimitaw il-htiega guridika tal-*litis consortio*, illi jawtorizzaw lil certu determinati soggetti, *inter alia*, li jagixxu bhala attur u li jirreagixxu bhala konvenut u liema kriterji jalimentaw il-funzjoni tal-gudikant versu decizjoni fejjieda dwar il-kontiza.

Fjankanti n-nozzjon tal-legittimità, hemm l-ohra ta' l-interess guridiku. Dan ta' l-ahhar huwa ingredjent necessarju illi jidhol fl-hekk imsemmija "kundizzjonijiet ta' l-azzjoni" u huwa precett guridiku li jmiss is-sustanza tal-jedd vantat jew pretiz mill-attur jew dak rifjutat jew difiz mill-parti konvenuta. Allura l-interess guridiku johrog minn u jidderiva mill-presuppost tal-kapacità processwali u jikkolloka ruhu fil-jeddijiet sostantivi li jfasslu l-azzjoni.

Ma jista' qatt ikun hemm interess guridiku jekk hemm nieqsa d-debita kapacità processwali, izda jista' jkun hemm kapacità processwali li wiehed jagixxi, izda l-interess ikun assenti. Fi kliem iehor, jista' jkollok persuna legittimatà li tagixxi, ghax ghandha l-kapacità taghmel dan, izda li tkun nieqsa mid-debitu interess jew li dan

jintilef fil-kors tal-proceduri filwaqt li l-kapacità tibqa' tissusisti. Min-naha l-ohra, jekk hemm l-imsemmija kapacità totalment mankanti, awtomatikament u assolutament hemm ukoll inezistenti l-interess guridiku peress li l-interess guridiku ghandu bzonn, l-ewwel u qabel kollox, il-presuppost processwali tal-kapacità tas-soggett, attiv jew passiv, li jwettaq attività processwali.[60]

Ghalhekk wiehed jista' facilment jghid illi l-kapacità processwali u l-interess guridiku huma faccati differenti ta' l-istess identika munita li jistghu jikkoezistu u jistghu le, dejjem dipendenti mic-cirkostanzi tal-kaz: min-naha, il-legittimità processwali (attivia jew passiva) hi mekkanizmu purament procedurali permezz ta' liem is-soggett (attiv jew passiv) jigi kwalifikat u klassifikat bhala "parti" fi procediment gudizzjarju, filwaqt illi l-interess guridiku jintrabat ma' l-azzjoni specifikatament esperita u jillegittimà lil dik l-istess "parti" tivvanta jew tiddefendi jeddijiet bl-aspettattiva li l-qorti tirrikonoxxi, takkorda, tirrigetta jew li tirridimensjona tali jeddijiet.

Kif ormai sew maghruf, il-qrati taghna esploraw tali kuncett u sostnew illi biex wiehed jista' jinghad li ghandu interess guridiku li jipproponi azzjoni, hemm bzonn li l-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utili jew vantaggjuz ghalih (**Giulia Maria Millard v. George Said et noe**, Appell Superjuri, 14 ta' Settembru, 1988). L-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f'dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv, irregolari u/jew illegali allegatament kommess/perpetrat mill-konvenut u d-dannu, jew almenu l-pregudizzju, allegatament subit mill-attur konsegwenti tali agir (**Alexander Eminyan v. John Mousú pro et nomine**, Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1997). L-interess irid ikun dirett, personali, konkret jew attwali cioè jrid johrog minn stat attwali ta' vjolazzjoni ta' dritt (**Philip Andrew Ransley et v. Emanuel Coleiro et noe**, Appell Superjuri, 29 ta' Jannar, 1997). Addizzjonalment, u dejjem ghal dak li jirrigwarda l-aspett ta' l-attwalitá ta' l-interess f'attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa' jsehh matul il-hajja kollha ta' l-azzjoni, u mhux biss fil-bidu taghha, ghaliex jekk dan l-interess jonqos, il-konsegwenza hija li l-konvenut jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju (**Joseph Sammut et noe v. Carmelo Attard**, Appell Superjuri, 17 ta' Frar 1993). Ghall-kompletezza, gie ritenut ukoll li l-interess mhux bilfors ikun wiehed li jigi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew gid, u jista'

[60] L-interess guridiku jrid jissussisti kemm fil-parti attrici u kif ukoll f'dik konvenuta. F'dan is-sens il-gurisprudenza tghid li, "*fu nondimeno ritenuto nella patria gurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia ... che base e misura di ogni azione giudiziaria è l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta* ..." (**Giuseppe Micallef Goggi v. P.L. Emanuele Armando Mifsud**, Appell Civili, 11 ta' April, 1930 riportata f'*Kollez*. Vol.XXVII-I-507). F'dan is-sens ukoll ara *in re* **Brockdorff v. Pace Balzan** (Qorti tal-Kummerc, 8 ta' April, 1899 riportata f'*Kollez*. Vol.XVII-III-15).

jkun destinat li jhares jew jaghti gharfien ghall-jedd morali jew suggettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wiehed ipotetiku (**Charles Axiak noe v. Onor. De. Fortunato Mizzi noe et**, Prim'Awla, 13 ta' Ottubru, 1952).

Jekk wiehed jaghmel gabra ta' dawn il-principji u jabbinahom mall-fattispecji tal-kaz in ezami, wiehed jista' jghid li l-interess guridiku fil-kumpannija attrici hu nieqes u dan peress illi kollox jindika li l-veru kreditur tal-konvenut, se mai, ghandha tkun il-kumpannija 'G.S. Rec Limited' u dan ghar-ragunijiet li sejrin jigu spjegati minn hawn u ftit iehor. L-azzjoni esperita mill-odjerna kumpannija attrici m'hix kapaci li twassal lil min jippromwoviha ghall-otteniment ta' xi vantagg utili u dan peress illi l-kreditu jidher li jappartjeni lil terzi u mhux lilha.

Kunsidrata minn dan il-profil u meta l-principji fuq esposti jigu abbinati mal-fatti ta' din l-istanza, jirrizulta illi filwaqt illi l-kumpannija attrici 'Green Skip Services Limited' kellha, mill-perspettiva prettament ritwali, dik il-kapacitá processwali li tibda' l-proceduri odjerni, il-jeddijiet u rimedji minnha vantati f'dan il-procediment kienu, *se mai* jikkompetu lil ohrajn bhala t-titolari tal-jedd/ijiet vantati kontra l-konvenut f'din il-kawza.

F'dan il-kaz irrizulta mill-provi illi l-kreditu vantat kontra l-konvenut Noel Cefai kien marbut ma' u jappartjeni lill-kumpannija "G.S. Rec Limited" u mhux lil "Green Skip Services Limited", hekk kif manifestament jemergi mid-dokumentazzjoni mressqa minn Doris Sammut Bonnici waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru, 2018 (*a foll*. 34–50), hekk kif diga' deskritt aktar 'il fuq. Tali evidenza turi illi l-konvenut Noel Cefai inghata s-servizzi mill-kumpannija 'G.S. Rec Limited' u mhux minn dik attrici f'din il-kawza u dan peress li l-*invoices* kollha gew mahruga minn 'G.S. Rec Limited', inkluz l-i*statement* tal-24 ta' Ottubru, 2017 (*a fol*. 49) li donnu hu dak li jikkoncerna l-istanza prezenti.

Inoltre, ma jistax jghaddi inosservat il-fatt li l-konvenut minn dejjem jidher li kien ihallas lill-kumpannija 'G.S. Rec Limited' u dan huwa rifless fil-kopja ta' HSBC *cheque*, risalenti ghad-data ta' l-1 ta' Novembru, 2012, li l-konvenut ezibixxa kopja tieghu in atti (*a fol*. 109). Tali pagament, fl-ammont ta' €13,617.91c, kien intestat lil 'G.S. Rec Limited' u inhareg mill-kont tal-konvenut «NOEL CEFAI – GREEN CARE TRADING». Ma harigx daqstant car jekk tali hlas hux konness mal-mertu tal-prezenti vertenza jew le, stante li d-deposizzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward mhux daqstant dettaljata.[61] B'addizzjon, certament ma jistax jigi mwarrab dak registrat fil-verbal waqt l-udjenza tal-11 ta' Mejju, 2018, u cioè: «*Dr. Frank Cassar ghan-nom tal-Konvenut qieghed jghaddi seduta stante bank draft mahrug mill-BOV*

[61] Ara xhieda tieghu waqt l-udjenza tal-25 ta' Marzu, 2019 (senjatament *a tergo* ta' *fol*. 106).

*numru 280703 datat l-1 ta' Marzu, 2018 mahrug f'isem "G.S. REC LTD", fl-ammont ta' EUR1,350 u tali pagament qed isir a bazi tal-eccezzjoni tal-istess Konvenut*." In vista ta' tali pagament, u hekk kif verbalizzat mid-difensur ta' l-attrici, it-talba originali f'din il-kawza, fl-ammont ta' €5,000.00c, giet ridotta ghal €3,650.00c.

Dan kollu juri li l-kumpannija li kellha tiftah dawn il-proceduri, *se mai* kellha tkun "G.S. Rec Limited" u mhux "Green Skip Services Limited", l'ghaliex kollox jipponta fid-direzzjoni tal-legam li kien hemm bejn il-konvenut u l-ewwel imsemmija socjetà.

Kif rajna, l-amalgamazzjoni – nonostante li l-process taghha gie inizjat mill-parti interessata – ghadha fi stat alkwantu embrjoniku u decizivament mhux finalizzata u allura wiehed ma jistax jargumenta li l-obbligi, responsabilitajiet u l-krediti li talvolta kienu ta' "G.S. Rec Limited" issa saru ta' "Green Skip Services Limited".

**GHALDAQSTANT**, ghall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u konsistentement maghhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara inammissibbli l-azzjoni attrici peress li hi mressqa minn persuna li m'ghandhiex legittimità attiva u jonqosha l-interess guridiku li tipproponi istanza bhal din. Konsegwentement, jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, salv kwalsiasi jedd iehor li talvolta jispetta lill-persuna idonea kontra l-konvenut.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandha taghmel tajjeb ghalihom il-kumpannija attrici.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*